Covenant of Mayors
for Climate & Energy
EUROPE

# Linji Gwida għar-Rapportar

Marzu 2020



## WERREJ


I. INTRODUZZJONI ........................................ 5

II. IL-PROĊESS TAL-PATT TAS-SINKI ........................................ 6

RAPPORTAR PASS PASS ........................................ 6

*FEEDBACK MILL-JRC* ........................................ 9

III. FREKWENZA TAR-RAPPORTAR ........................................ 11

IV. MATERJALI TA' GWIDA ........................................ 12

V. L-ISTRATEĠIJA TIEGĦI ........................................ 13

VIŻJONI FIT-TUL (EŻ. 2050 U LIL HINN) ........................................ 13

MIRA/I U IMPENN/IMPENJI ........................................ 13

STRUTTURA AMMINISTRATTIVA ........................................ 14

KAPAĊITÀ TAL-PERSUNAL ALLOKATA ........................................ 15

INVOLVIMENT TAL-PARTIJIET INTERESSATI ........................................ 15

BAĠIT ........................................ 16

PROĊESS TA' MONITORAĠĠ ........................................ 16

VI. INVENTARJU TAL-EMISSJONIJIET ........................................ 17

ĦARSA ĠENERALI ........................................ 18

FATTURI TA' EMISSJONI TA' $CO_2$ ........................................ 18

KONSUM FINALI TAL-ENERĠIJA ........................................ 21

ELETTRIKU EKOLOĠIKU ĊĊERTIFIKAT ........................................ 23

PRODUZZJONI TA' ELETTRIKU LOKALI/DISTRIBWITA (ENERĠIJA RINNOVABBLI BISS) ........................................ 24

LOCAL/DISTRIBUTED ELECTRICITY PRODUCTION ........................................ 24

PRODUZZJONI LOKALI TA' SĦANA/KESĦA ........................................ 25

SETTURI MHUX RELATATI MAL-ENERĠIJA ........................................ 25

INVENTARJU TAL-EMISSJONIJIET (IKKALKULAT) ........................................ 25

VII. VALUTAZZJONI TAR-RISKJU U L-VULNERABILITÀ........26
PERIKLI KLIMATIĊI........27
SETTURI VULNERABBLI........29
KAPAĊITÀ ADATTIVA *(FAKULTATTIV)*........30
GRUPPI TAL-POPOLAZZJONI VULNERABBLI *(FAKULTATTIV)*........32
COMMENTS........32
INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RRAPPORTATA SA JANNAR 2020 (MHUX MEĦTIEĠA AKTAR AĠĠORNAMENTI)........33
TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-ADATTAMENT *(FAKULTATTIVA)*........33

VIII. AZZJONIJIET........34
ĦARSA ĠENERALI TAL-AZZJONIJIET TIEGĦI........34
DETTALJI TAL-AZZJONIJIET TIEGĦI........34
INFORMAZZJONI ĠENERALI........36
FINANZJAMENT TAL-AZZJONI........37
DETTALJI TAL-AZZJONI TA' MITIGAZZJONI........37
DETTALJI TAL-AZZJONI TA' ADATTAMENT........38
DETTALJI TAL-AZZJONI DWAR IL-FAQAR ENERĠETIKU........38

ANNESSI........40

# I. INTRODUZZJONI

Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija jġib flimkien lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li volontarjament ikkommettew ruħhom biex jimplimentaw l-objettivi dwar il-klima u l-enerġija tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tagħhom. L-awtoritajiet lokali firmatarji jaqsmu viżjoni ta' bliet dekarbonizzati u reżiljenti fejn iċ-ċittadini għandhom aċċess għal enerġija sikura, sostenibbli u affordabbli. Il-firmatarji jwiegħdu li **jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'mill-inqas 40% sal-2030 u li jżidu r-reżiljenza tagħhom għall-impatti tat-tibdil fil-klima.**




Sabiex jiffaċilitaw dan il-proċess, il-Patt tas-Sindki jipprovdi lill-firmatarji b'**qafas għall-kumpilazzjoni u r-rapportar tad-*data*** li huwa uniku fl-Ewropa. Dan jgħinhom isegwu ppjanar għall-klima u l-enerġija sistematiku u fil-proċessi ta' monitoraġġ fil-livell lokali.

Il-**Qafas dwar ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-Patt** ġie żviluppat f'konsultazzjoni mill-qrib mal-prattikanti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-esperti dwar il-klima u l-enerġija u bl-appoġġ metodoloġiku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proċess ta' konsultazzjoni regolari jippermetti li l-qafas jiġi żviluppat u rfinut aktar biex jiġi żgurat li dan ikun allinjat mal-prattika u l-metodoloġiji użati l-aktar komunement mill-awtoritajiet lokali fl-Ewropa. Matul l-2019, il-qafas tal-Patt kien allinjat mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qafas ta' Rappurtar Komuni mill-Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija.

Il-firmatarji tal-Patt intalbu jużaw il-**pjattaforma għar-rapportar** tal-Patt tas-Sindki – ***MyCovenant***[1] biex jirrapportaw u jimmonitorjaw id-*data* tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima tagħhom – SECAP (li ssir referenza għalih ukoll bħala pjan ta' azzjoni), permezz tal-hekk imsejjaħ mudell tas-SECAP[2]. Id-*data* rapportata tippermetti lill-firmatarji juru l-impatt konkret tal-azzjonijiet tagħhom fil-kamp u l-ambizzjonijiet klimatiċi tagħhom. Dan jagħti feedback essenzjali dwar l-attivitajiet lokali lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, Ewropea u internazzjonali. Il-qafas tal-Patt jippermetti lill-firmatarji jiġbru u janalizzaw *data* f'manjiera strutturata u sistematika, u jservi bħala bażi għal ġestjoni tajba tal-klima u l-enerġija u għall-insegwiment tal-progress fl-implimentazzjoni.

Dan id-dokument jipprovdi **linji gwida pass pass** lill-firmatarji dwar kif jirrapportaw l-informazzjoni fit-taqsimiet differenti tal-pjattaforma tar-rapportar tal-Patt - *MyCovenant*. Dan ġie żviluppat mill-Uffiċċju tal-Ewropa tal-Patt tas-Sindki f'kollaborazzjoni mal-JRC biex jassisti lill-firmatarji jifhmu l-qafas ta' rapportar tal-Patt u jlestu sew il-proċess ta' rapportar. Il-linji gwida huma kumplimentati minn rakkomandazzjonijiet prattiċi u riżorsi utli.

---

[1] Aċċessibbli fuq https://mycovenant.eumayors.eu/site/landing.

[2] Verżjoni offline tal-mudell f'format Excel, li jista' jintuża bħala dokument ta' ħidma intern, hija disponibbli fuq https://www.covenantofmayors.eu/support/library.html. L-unika verżjoni uffiċjali tal-mudell hija disponibbli fuq *MyCovenant*.

# II. IL-PROĊESS TAL-PATT TAS-SINKI




L-awtoritajiet lokali li jingħaqdu mal-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija jikkommettu ruħhom biex jissottomettu pjan ta' azzjoni fi żmien sentejn minn meta jiffirmaw formalment l-inizjattiva (permezz ta' formola ta' adeżjoni ffirmata kif dovut). Il-pjan ta' azzjoni jiddefinixxi l-**mira/i ta' mitigazzjoni u l-għan(ijiet) ta' adattament** u huwa bbażat fuq l-**Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi (BEI)** u **Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità (RVA)** li jipprovdu analiżi tas-sitwazzjoni kurrenti f'mument speċifiku. Dawn iservu bħala bażi għad-definizzjoni ta' **sett ta' azzjonijiet** komprensivi li l-awtoritajiet jippjanaw li jwettqu sabiex jilħqu l-għanijiet ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima. Il-firmatarji jikkommettu ruħhom ukoll biex **jirrapportaw dwar il-progress fuq dawn l-azzjonijiet kull sentejn.**

## Rapportar pass pass

Il-proċess ta' rapportar u monitoraġġ pass pass għall-firmatarji tal-Patt kollha huwa ppreżentat hawn taħt:

1. **Illoggja f'myCovenant**
2. **Lesti L-Istrateġija Tiegħi, L-Inventarji Tiegħi, L-Azzjonijiet Tiegħi**
3. **Tella' d-dokument(i) tal-pjan ta' azzjoni**
4. **Issottometti mudell**
5. **Issorvelja l-progress**




Is-**Sezzjoni għar-rapportar** f'*MyCovenant* jinnaviga fil-komponenti tar-rapportar ewlenin (kaxxa ħamra). Kull komponent tas-Sezzjoni għar-rapportar fih diversi **taqsimiet tar-rapportar u monitoraġġ** fil-parti ta' fuq nett (kaxxa ħadra). Inti meħtieġ timla d-*data* f'kull waħda minn dawn is-sezzjonijiet.

*MyCovenant* trid timtela **bl-Ingliż biss**.
Il-**kampijiet ikkuluriti ħodor huma obbligatorji**. Jekk dawn ma jiġux kompletati, se jidher messaġġ li juri li sar żball fl-aħħar tas-sezzjoni rispettiva. Il-kampijiet kollha kkuluriti bojod huma fakultattivi.




*MyCovenant* hija aċċessibbli mill-[Websajt tal-Patt tas-Sindki](#) billi tikklikkja fuq il-buttuna MY COVENANT jew permezz ta' [mycovenant.eumayors.eu](#).
Sabiex tilloggja fiha, trid tuża l-email u l-password li tkun irċevejt waqt l-istadju ta' reġistrazzjoni.

Jekk tinsa/ma tafx il-username tiegħek, ikkuntattja lill-**Helpdesk fuq [info@eumayors.eu](mailto:info@eumayors.eu)**.
Jekk tinsa/ma tafx il-password tiegħek, tista' terġa' tissettjaha permezz tal-**link biex tirrisettja l-password** fit-tieqa fejn tagħmel sign-in.







It-taqsimiet **L-Istrateġija Tiegħi, L-Inventarji Tiegħi u L-Azzjonijiet Tiegħi** huma l-qalba tal-qafas ta' rapportar u monitoraġġ tal-Patt. It-tabella t'hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawn it-taqsimiet f'*MyCovenant*. Din tindika wkoll il-kapitoli rispettivi f'dawn il-linji gwida li jispjegaw fid-dettall kif tlesti t-taqsimiet.

| Reporting corner | Taqsimiet tar-rapportar u monitoraġġ |
|---|---|
| MY STRATEGY | • **L-ISTRATEĠIJA TIEGĦI:** Speċifika l-miri u impenji tiegħek, l-istruttura amministrattiva, il-partijiet interessati involuti, informazzjoni dwar il-baġit, eċċ > ***ara Kapitolu V għad-dettalji*** |
| MY INVENTORIES | • **L-INVENTARJU TAL-EMISSJONIJIET:** Speċifika d-*data* kollha relatata mal-mitigazzjoni (konsum tal-enerġija, produzzjoni ta' elettriku, eċċ.) > ***ara Kapitolu VI għad-dettalji***<br>• **RISKJI U VULNERABILITAJIET:** Speċifika d-*data* kollha relatata mal-adattament (perikli klimatiċi, setturi vulnerabbli, kapaċità adattiva, eċċ.) > ***ara Kapitolu VII għad-dettalji*** |
| MY ACTIONS | • **ĦARSA LEJN L-AZZJONIJIET TIEGĦI:** Speċifika d-*data* aggregata għall-azzjonijiet tiegħek ta' mitigazzjoni u adattament > ***ara Kapitolu VIII għad-dettalji***<br>• **DETTALJI TAL-AZZJONIJIET TIEGĦI:** Speċifika d-dettalji għal kull azzjoni ta' mitigazzjoni u/jew adattament, u/jew faqar enerġetiku, inklużi l-azzjonijiet prinċipali > ***ara Kapitolu VIII għad-dettalji*** |




Sabiex ittella' d-dokument f'*MyCovenant*, (i) mur fuq **L-Istrateġija Tiegħi** fis-Sezzjoni tar-rapportar; (ii) ikklikkja t-tab **Dokumenti tal-Pjan ta' azzjoni tiegħi**; u (iii) skrollja 'l isfel għal "Tella' dokumenti" (ara l-immaġni t'hawn taħt). Id-dokumenti kollha għandhom jittellgħu f'**format pdf**, fil-**lingwa nazzjonali**, sakemm ma tkunx disponibbli traduzzjoni bl-Ingliż. Huwa obbligatorju li ttella' mill-inqas dokument ta' pjan ta' azzjoni wieħed (eż. pjan ta' azzjoni għall-mitigazzjoni/pjan ta' azzjoni għall-adattament/pjan ta' azzjoni integrat għall-mitigazzjoni u l-adattament). Il-pjan(i) għandhom jiġu **approvati kif dovut mill-kunsill muniċipali** jew korp ekwivalenti li jieħu d-deċiżjonijiet. It-tlugħ ta' dokument addizzjonali huwa fakultattiv.









Huwa biss meta tkun lestejt it-taqsimiet tar-rapportar rispettivi ta' *MyCovenant* (Pass 2) u tellajt id-dokument(i) tal-pjan(i) ta' azzjoni (Pass 3), li tkun tista' tissottometti l-pjan ta' azzjoni tiegħek lill-Patt tas-Sindki.



Sabiex tissottometti l-pjan ta' azzjoni tiegħek, mur fuq **Ħarsa Ġenerali**, u kklikkja l-buttuna 

.

*MyCovenant* għandha **sistema ta' verifika integrata awtomatika** li tidentifika kwalunkwe żball (imqabbla kontra meded ta' valuri jew valuri predefiniti), tivvalida l-format tad-*data* (test, numru, data, hyperlink, għażla waħda jew multipla), u tiskopri informazzjoni obbligatorja li hija nieqsa. Din għandha algoritmi integrati li jnaqqsu l-marġini għal żball uman, eż. meta jiġi kkalkulat l-inventarju tal-emissjonijiet. Jekk jiġu skoperti żbalji, is-sistema turi

**messaġġi ta' notifika ta' żball** fil-qiegħ ta' kull tabella rispettiva f'*MyCovenant*.

Ħarsa Ġenerali tindika jekk it-taqsimiet kollha meħtieġa f'*MyCovenant* ġewx mimlija sew, bl-użu tad-didaskalija li ġejja:

✔ complete, ✖ incomplete, ● not applicable

Innota li **inti se tkun tista' tissottometti d-*data* tiegħek wara li tikkoreġi l-iżbalji kollha** fil-mudell ta' rapportar u monitoraġġ kollu.

***Feedback mill-JRC***

Sabiex jiżgura li l-pjani ta' azzjoni sottomessi huma allinjati mal-prinċipji tal-Patt, il-JRC iwettaq **valutazzjoni** tal-pjani ta' azzjoni sottomessi f'*MyCovenant*. L-analiżi hija ggwidata minn sett ta' **kriterji ta' eliġibbiltà** (ara hawn taħt). Sakemm dawn il-kriterji ma jiġux sodisfatti, il-pjan ta' azzjoni mhux se jiġi aċċettat. Fil-każijiet kollha, il-JRC iwettaq valutazzjoni tal-pjan u jagħti **rapport ta' feedback** b'rakkomandazzjonijiet għal titjib tal-pjan ta' azzjoni. Ir-rapport ta' feedback huwa kondiviż ma' kull firmatarju permezz ta' sistema tal-email ċertifikata fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni.

### Kriterji ta' eliġibbiltà – ir-rekwiżiti minimi

- Il-pjan ta' azzjoni irid jiġi **approvat mill-Kunsill Muniċipali** jew korp ekwivalenti.
- Il-pjan ta' azzjoni irid jispeċifika b'mod ċar il-**mira ta' mitigazzjoni** tal-Patt (jiġifieri tnaqqis ta' mill-inqas 40% fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ sal-2030) **u l-għan ta' adattament.**
- Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun ibbażat fuq u jinkludi r-riżultati ta' **Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi** (BEI) u **Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità għall-Klima** (RVA) komprensivi.
- *MyCovenant* trid **timtela korrettament** u d-*data* rapportata trid tkun koerenti u kompluta.
- Il-BEI jrid ikopri s-**setturi ewlenin ta' attività** (mill-inqas tlieta minn erba' setturi prinċipali).
    - Għall-**mitigazzjoni**, il-pjan ta' azzjoni jrid ikopri s-setturi prinċipali ta' attività (Bini muniċipali, Bini terzjarju, Bini residenzjali u Trasport) (mill-inqas tnejn minn tliet setturi prinċipali magħżula), inkluż mill-inqas **3 azzjonijiet prinċipali**.
- L-RVA jrid jidentifika l-**perikli klimatiċi l-iktar rilevanti** u s-**setturi vulnerabbli**
    - Għall-**adattament**, il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi sett ta' azzjonijiet, inkluż, mill-inqas **3 azzjonijiet prinċipali.**

Għal mistoqsijiet tekniċi iktar speċifiċi dwar ir-rekwiżiti metodoloġiċi jew mistoqsijiet relatati mar-rapporti ta' feedback tal-JRC, ikkuntattja:

- It-tim tal-JRC dwar il-Mitigazzjoni fuq JRC-COM-TECHNICAL-HELPDESK@ec.europa.eu
- It-tim tal-JRC dwar l-Adattament fuq JRC-COM-ADAPT@ec.europa.eu




Il-progress huwa ssorveljat permezz tas-sottomissjoni ta' **rapport ta' monitoraġġ kull sentejn** wara d-data ta' sottomissjoni tal-pjan ta' azzjoni. L-għan tal-monitoraġġ huwa li jiġi vvalutat il-progress li jkun sar lejn il-miri stabbiliti fl-istrateġija tal-pjan ta' azzjoni.

Il-monitoraġġ huwa parti integrali ta' kull ċiklu ta' pjanar li jippermetti li jiġu ppjanati miżuri korrettivi. Bħala tali, ir-rapport ta' monitoraġġ f'*MyCovenant* mhuwiex taqsima separata; minflok, ir-rapport ta' monitoraġġ huwa sett ta' kampijiet addizzjonali fit-taqsimiet differenti tal-mudell taħt Pass 2. Dawn il-kampijiet huma ddedikati speċifikament għall-monitoraġġ u huma ġġenerati b'mod awtomatiku minn *MyCovenant*. Dawn isiru disponibbli biss wara s-sottomissjoni tal-pjan ta' azzjoni, fl-istadju ta' monitoraġġ.

It-tabella t'hawn taħt tindika l-informazzjoni addizzjonali/aġġornamenti dwar il-monitoraġġ għal kull taqsima f'*MyCovenant*.

| Reporting corner | Taqsimiet tar-rapportar u monitoraġġ |
|---|---|
| MY STRATEGY | • **L-ISTRATEĠIJA TIEGĦI:** Indika l-progress li sar lejn il-mira, il-kapaċità tal-persunal allokat għall-implimentazzjoni tal-pjan, il-baġit li ntefaq s'issa, iddeskrivi l-proċess ta' monitoraġġ |
| MY INVENTORIES | • **INVENTARJU TAL-EMISSJONIJIET:** Aġġorna l-konsum enerġetiku, il-fatturi ta' produzzjoni u tal-emissjoni billi tissottometti Inventarju tal-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet (MEI)<br>• **RISKJI U VULNERABILITAJIET:** Aġġorna, kif meħtieġ, id-*data* kollha rapportata qabel; innota li ma hemm l-ebda kampijiet addizzjonali għall-monitoraġġ |
| MY ACTIONS | • **ĦARSA ĠENERALI TAL-AZZJONIJIET TIEGĦI:** Aġġorna l-progress tal-implimentazzjoni<br>• **DETTALJI TAL-AZZJONIJIET TIEGĦI:** Aġġorna l-progress tal-implimentazzjoni |

Tabella 1 Frekwenza tar-rapportar tinkludi indikazzjoni tar-rekwiżit ta' rapportar minimu fl-istadji differenti tal-proċess tal-Patt.

Bl-użu ta' **Ħarsa Ġenerali**, inti dejjem tista' tmur lura għall-verżjonijiet preċedenti tal-mudell u tara x'*data* ġiet irrapportata fil-passat.

# III. FREKWENZA TAR-RAPPORTAR

Tabella 1 t'hawn taħt tinkludi l-**frekwenza tar-rapportar** assoċjata għat-taqsimiet differenti ta' *MyCovenant.*

| | Reġistrazzjoni | Pjan ta' azzjoni | Monitoraġġ | |
|---|---|---|---|---|
| | **Sena 0** | **Fi żmien sentejn** | **Fi żmien 4 snin** | **Fi żmien 6 snin** |
| **L-Istrateġija tiegħi** | *o* | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Tella' dokumenti tal-pjan ta' azzjoni** | *o* | ✓ | *o* | *o* |
| **Inventarju tal-emissjonijiet** | *o* | ✓ *(BEI*)* | *o* | ✓ *(MEI*)* |
| **Valutazzjoni tar-riskju u l-vulnerabilitajiet** | *o* | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Azzjonijiet ta' mitigazzjoni** | *o* | ✓ *(min. 3 azzjonijiet prinċipali)* | ✓ | ✓ |
| **Azzjonijiet ta' adattament** | *o* | *o* | ✓ *(min. 3 azzjonijiet prinċipali)* | ✓ |
| **Azzjonijiet dwar il-faqar enerġetiku** | *o* | *o* | ✓ *(min. azzjoni waħda prinċipali)* | ✓ |

Tabella 1 Frekwenza tar-rapportar

Didaskalija: ✓ Obbligatorju | *o* Fakultattiv

BEI = Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi; MEI = Inventarju tal-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet

Il-**pjan ta' azzjoni** irid jiġi sottomess **fi żmien sentejn wara d-data ta' adeżjoni**, jiġifieri d-data meta l-Kunsill Muniċipali (jew korp ekwivalenti li jieħu d-deċiżjonijiet) jiddeċiedi formalment li jingħaqad mal-Patt tas-Sindki. F'termini prattiċi, dan ifisser li trid tlesti t-taqsimiet li ġejjin ta' *MyCovenant*: (i) **L-Istrateġija tiegħi**, (ii) **Inventarju tal-emissjonijiet**, (iii) **Riskji u vulnerabilitajiet**, (iv) **L-Azzjonijiet Tiegħi** u tella' l-pjan ta' azzjoni adottat uffiċjalment skont il-frekwenza tar-rapportar indikata f'Tabella 1.



Il-firmatarji tal-Patt (jew il-Koordinaturi f'isem il-firmatarji assoċjati tagħhom) jistgħu jitolbu estensjoni meta ċirkostanzi barra mil-kontroll tal-awtorità lokali jagħmluha diffiċli li l-pjan ta' azzjoni jew ir-riżultati tal-monitoraġġ jiġu sottomessi sad-data ta' skadenza uffiċjali. Sabiex jagħmlu hekk, dawn huma mistiedna jitolbu għal estensjoni (*dewmien*) permezz ta' *MyCovenant* (ara l-immaġni) jew jikkuntattjaw lill-Helpdesk fuq info@eumayors.eu.

# IV. MATERJALI TA' GWIDA

Hawn taħt hawn lista ta' materjali ta' gwida żviluppati mill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki u l-JRC biex jassistu lill-firmatarji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-pjani ta' azzjoni tagħhom.

| Titolu | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Il-Gwida "Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAP)":<br>**Parti 1:** Il-proċess tas-SECAP, pass pass lejn bliet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għall-klima sal-2030<br>**Parti 2:** Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi (BEI) u Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità (RVA)<br>**Parti 3:** Politiki, azzjonijiet prinċipali, prattiki tajbin għall-mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u l-finanzjament tas- SECAP(s) | Il-gwida żviluppata mill-JRC toffri lill-firmatarji sett ta' prinċipji metodoloġiċi, proċeduri u l-aħjar prattiki biex jiżviluppaw il-pjani ta' azzjoni tagħhom. Parti 1 hija relatata mal-proċess u l-istrateġija globali; Parti 2 tagħti ħarsa lejn l-elaborazzjoni tal-valutazzjonijiet muniċipali (BEI u RVA); u Parti 3 tiddeskrivi l-kwistjonijiet tekniċi, il-miżuri u l-politiki li jistgħu jiġu implimentati fil-livell lokali. |
| Gwidi ta' referenza ta' malajr:<br>Pjan ta' Azzjoni Konġunt għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima<br>Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-SECAP(s)<br>Analiżi tas-SECAP(s) raggruppati | Dawn id-dokumenti joffru gwida prattika u eżempji dwar suġġetti bħall-monitoraġġ ta' pjan ta' azzjoni, l-approċċ konġunt għall-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni u l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni. |
| Pjattaforma għat-tagħlim elettroniku (disponibbli f'*MyCovenant*) | Il-moduli jipprovdu gwida prattika, rakkomandazzjonijiet u eżempji relatati mal-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-finanzjament tal-pjani ta' azzjoni, li jinkludu kemm il-mitigazzjoni u l-adattament. |
| Għodda ta' Appoġġ għall-Adattament Urban (Urban-AST)<br>Urban Adaptation Support Tool<br>Covenant of Mayors for Climate & Energy EUROPE | Din l-għodda toffri gwida lill-awtoritajiet lokali dwar iċ-ċiklu sħiħ ta' adattament, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji u l-vulnerabilitajiet. Din tinkludi referenzi għal riżorsi utli, bħal rapporti, għodod, studji ta' każijiet. Żviluppata mill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. |
| Webinars<br>*(Disponibbli fil-Librerija fuq il-websajt tal-Patt)* | Il-webinars żviluppati mill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki jindirizzaw diversi suġġetti dwar il-klima u l-enerġija. Il-webinars jinkludu esperjenzi prattiki tal-firmatarji u jippreżentaw it-tagħlimiet meħuda. Kumpilazzjoni tal-webinars iffukati fuq l-adattament hija disponibbli hawnhekk. |

# V. L-ISTRATEĠIJA TIEGĦI




Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija ta’ mitigazzjoni u adattament.

Sabiex taċċessa t-tab ta’ L-Istrateġija Tiegħi f’*MyCovenant*, ikklikkja **L-Istrateġija tiegħi** fis-Sezzjoni għar-rapportar u agħżel it-tab tan-navigazzjoni **L-Istrateġija tiegħi**.

## Viżjoni fit-tul (eż. 2050 u lil hinn)

Speċifika l-viżjoni fit-tul (massimu ta’ 700 karattru, inkluż l-ispazji) li se ssawwar il-futur klimatiku u tal-enerġija sostenibbli tal-muniċipalità tiegħek. Viżjoni tinkludi informazzjoni dwar l-objettivi, is-setturi prijoritarji, ir-riżultati soċjali/ambjentali/ekonomiċi mixtieqa u l-benefiċċji jew opportunitajiet potenzjali, fost oħrajn. Il-viżjoni fit-tul għandha tkopri l-mitigazzjoni, l-adattament u l-faqar enerġetiku u tiġi kożviluppata bl-involviment attiv ta’ grupp usa’ ta’ partijiet interessati mill-muniċipalità.

## Mira/i u impenn/impenji

### Mira/i ta’ mitigazzjoni

L-ewwel kampijiet jirreferu għall-mira/i ta’ mitigazzjoni globali tiegħek, li huma espressi bħala **perċentwal ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ GHG/$CO_2$**. Il-mira tiegħek għandha tkun ta’ **tnaqqis ta’ mill-inqas 40% sal-2030**. Inti trid tindika s-sena bażi li kontra tagħha se tiġi ddefinita l-mira/i. Jekk il-pjan ta’ azzjoni tiegħek jinkludi iktar minn mira waħda, huwa **rakkomandat bil-qawwa li żżomm l-istess sena bażi għall-miri kollha.**

> L-impenn meħud fil-qafas tal-Patt huma marbut mal-miri tal-UE: tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$ ta’ **mill-inqas 40% sal-2030**. Il-mira tat-tnaqqis ta’ $CO_2$ tiegħek ma tistax tkun iktar baxxa.

Il-mira tista’ tiġi stabbilita bħala **tnaqqis assolut** (perċentwal tal-kwantità ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2$ fis-sena bażi) jew bħala **tnaqqis per capita**. F’dan l-aħħar każ, l-emissjonijiet tas-sena bażi jiġu diviżi bin-numru ta’ abitanti fl-istess sena, u l-perċentwal ta’ tnaqqis ta’ emissjonijiet fil-mira tiġi kkalkulata fuq dik il-bażi. L-approċċ per capita jintagħżel ġeneralment biex jiffaċilita l-insegwiment tal-progress meta l-popolazzjoni hija mistennija li tinbidel b’mod sinifikanti. Agħżel l-opzjoni li tikkorrispondi l-aħjar għall-kuntest tiegħek. Jekk tagħżel il-mira ta’ tnaqqis per capita, indika l-**projezzjonijiet tal-popolazzjoni għall-orizzjont(i) taż-żmien rispettivi**.

Jekk ikollok **mira b'terminu itwal**, jiġifieri li tmur lil hinn mill-2030, tista' tispeċifika din il-mira ta' tnaqqis ukoll, inkluża s-sena bażi u l-orizzont taż-żmien li l-mira tirrelata għalih. Jekk inti stabbilixxejt biss mira fuq terminu itwal fil-pjan ta' azzjoni tiegħek, inti meħtieġ tagħmel estrapolazzjoni tal-mira tiegħek għall-2030 u tinkludiha bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tiegħek.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-tabella tal-għanijiet ta' mitigazzjoni kompluta.

| Mitigation | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| CO2 target | Unit | Target year | Base year | Reduction type | Population estimates in target year |
| 20 | % | 2020 | 2005 | Absolute | 100000 |
| 40 | % | 2030 | 2005 | Absolute | 100000 |
| 90 | % | 2050 | 2005 | Absolute | 112000 |

### Adaptation goal(s)

It-tieni kamp jirreferi għall-għan(ijiet) ta' adattament tiegħek. Iddeskrivi l-għan(ijiet) ta' adattament f'termini kwalitattivi/deskrittivi u/jew f'termini kwantitattivi. Għan wieħed huwa obbligatorju u l-għanijiet ta' adattament addizzjonali huma fakultattivi. Għal kull għan/l-għanijiet kollha, speċifika l-unità (kif applikabbli), is-snin fil-mira u dawk bażi u l-progress miksub s'issa (eż. fil-ħin, għaddej, miksub, aġġustat, eċċ. u spjega, kif meħtieġ).

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-tabella tal-għanijiet ta' adattament kompluta.

| Adaptation | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Goal | Unit (% or other) | Target year | Base year | Progress Towards The Target |
| Contain water withdrawal from groundwater (<45 Mln) | m3/year | 2025 | 2012 | on track |
| Ensure a minimum flow of Reno river (>1,87) | m3/s | 2025 | 2012 | ongoing |

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Struttura amministrattiva

Agħżel it-tip rilevanti ta' struttura amministrattiva minn dawn li ġejjin:

- **Monosettorjali:** (uffiċjal(i) ta') dipartiment settorjali wieħed assenjati* fl-amministrazzjoni muniċipali
- **Multisettorjali**: diversi dipartimenti differenti assenjati* fl-amministrazzjoni muniċipali
- **Livelli multipli**: diversi dipartimenti assenjati* f'livell(i) differenti ta' governanza (eż provinċjali/reġjonali)

**Assenjati*: maħtura formalment biex jiżviluppaw il-pjan u jsegwu l-implimentazzjoni tiegħu

Inkludi kull dettall fil-kaxxa tal-"Kummenti".

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-tabella kompluta "Struttura amministrattiva".

| Type of administrative structures | |
|---|---|
| Mono-sectoral - (one officer of) one sectoral department assigned within the municipal administration | ☐ |
| Multi-sectoral - several departements assigned within the municipal administration | ☐ |
| Multi-level - several departments assigned at different level(s) of governance (e.g. provincial/regional) | ☐ |

Comments ⌄ (click the arrow to expand or collapse)

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Kapaċità tal-persunal allokata

Speċifika t-tip ta’ persunal li ġie allokat għall-**preparazzjoni** tal-pjan ta’ azzjoni tiegħek, kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament. Il-kampijiet fakultattivi jirreferu għall-għadd ta’ **xogħlijiet ekwivalenti għal full-time (FTE)**, li huma definiti bħala sigħat totali maħduma diviżi bil-medja ta’ sigħat annwali maħduma f’xogħol full-time. FTE ta’ 1.0 tfisser li persuna waħda hija ekwivalenti għal membru tal-persunal full-time, filwaqt li FTE ta’ 0.5 tfisser li l-membru tal-persunal jaħdem part-time.

Inkludi kull dettall fil-kaxxa tal-“Kummenti”.

L-immaġni t’hawn taħt turi eżempju ta’ tabella kompluta tal-“Kapaċità tal-persunal allokata”.

| Type | Plan preparation | | | Plan implementation | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Mitigation | Adaptation | (Estimated) Full-time equivalent job(s) | Mitigation | Adaptation | (Estimated) Full-time equivalent job(s) |
| Local authority | ☑ | ☑ | 0.6 | ☑ | ☑ | 1 |
| Other level(s) of governance (e.g. Covenant coordinator or supporter) | ☐ | ☐ | | ☐ | ☐ | |
| External consultant | ☑ | ☑ | 0.4 | ☑ | ☑ | 0.5 |
| Other | ☐ | ☐ | | ☐ | ☐ | |
| Total | | | 1.00 | | | 1.50 |

Comments ⌄ (click the arrow to expand or collapse)

Il-parti tal-“Implimentazzjoni tal-pjan” tat-tabella se tkun viżibbli biss matul l-***istadju ta’ monitoraġġ***. Inti tista’ tispeċifika l-persunal previst matul l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiegħek.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja¨.

## Involviment tal-partijiet interessati

Speċifika t-tip ta’ partijiet interessati involuti fl-iżvilupp tal-pjan. B’mod fakultattiv, iddefinixxi ulterjorament it-tip ta’ partijiet interessati (għall-persunal tal-awtorità lokali, uża l-kaxxa għat-test ħieles), il-livell ta’ involviment tagħhom, il-metodu/i ta’ involviment u l-iskop tal-involviment.

Inkludi kull dettall fil-kaxxa tal-“Kummenti”.

Fir-rigward tal-metodu ta’ involviment, tista’ tagħżel mill-għażliet li ġejjin:

- **Stħarriġ:** Il-metodu użat għall-ġbir tad-*data* minn grupp iddefinit minn qabel ta’ rispondenti biex jinkisbu informazzjoni u għarfien dwar diversi suġġetti ta’ interess. Stħarriġ fejn in-nies jiġu mistoqsija għall-informazzjoni permezz ta’ kwestjonarju.
- **Workshop:** Perjodu ta’ diskussjoni jew xogħol prattiku fuq suġġett partikolari li fih grupp ta’ nies jaqsmu l-għarfien jew esperjenza tagħhom.
- **Grupp focus:** Metodu li jikkonsisti minn intervisti li fihom grupp ta’ persuni żgħir, imma varjat demografikament, jiġi mistoqsi dwar il-perċezzjonijiet, opinjonijiet, twemmin, u attitudnijiet tagħhom lejn idea, jew soluzzjoni. Il-mistoqsijiet jiġu mistoqsija f’ambjent interattiv fejn il-parteċipanti huma liberi li jitkellmu ma’ membri oħrajn tal-grupp.
- **Ġurija ta’ ċittadini:** Forma ta’ grupp żgħir deliberattiv pubbliku fejn grupp żgħir ta’ ċittadini jintagħżlu b’mod aleatorju biex jiddeliberaw fuq kwistjoni politika speċifika u jipprovdu rakkomandazzjonijiet lill-entità li tkun qed torganizzah.

L-immaġni t’hawn taħt turi eżempju tat-tabella kompluta “Involviment tal-partijiet interessati”.

| Type | | Stakeholders engaged | Engagement level | Engagement method(s) | Engagement purpose |
|---|---|---|---|---|---|
| Local authority's staff | ☑ | Climate and energy department | High | ☐ Survey<br>☐ Workshop<br>☐ Focus group<br>☐ Citizen jury<br>☑ Other (specify)<br>Monthly staff meetings | ☑ Information<br>☑ Consultation<br>☐ Advice<br>☐ Co-production<br>☑ Co-decision<br>☐ Implementation |
| External stakeholders at local level | ☑ | ☐ Academia<br>☑ Business & private sector<br>☐ Trade-unions<br>☐ Citizens<br>☑ NGO & civil society<br>☐ Education sector<br>☐ Other (specify) | High | ☑ Survey<br>☑ Workshop<br>☐ Focus group<br>☐ Citizen jury<br>☐ Other (specify) | ☑ Information<br>☑ Consultation<br>☐ Advice<br>☑ Co-production<br>☐ Co-decision<br>☐ Implementation |
| Stakeholders at other levels of governance | ☑ | ☐ National government and/or agency(ies)<br>☑ Sub-national government(s) and/or agency(ies)<br>☐ Other (specify) | Moderate | ☐ Survey<br>☑ Workshop<br>☐ Focus group<br>☐ Citizen jury<br>☐ Other (specify) | ☐ Information<br>☐ Consultation<br>☐ Advice<br>☑ Co-production<br>☐ Co-decision<br>☐ Implementation |

Comments (click the arrow to expand or collapse)

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Baġit

Din it-taqsima hija ddedikata għall-ħarsa ġenerali tal-baġit għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet deskritti fil-pjan ta' azzjoni tiegħek. Din hija maqsuma fil-baġit previst għat-twettiq tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament. Speċifika l-**baġit globali previst** għall-implimentazzjoni tal-pjan (obbligatorju), f'Euro, u l-**perċentwal ta' dan il-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament**. Il-parti "Baġit minfuq s'issa" tat-tabella se tkun viżibbli biss matul l-istadju ta' monitoraġġ. Wara, speċifika l-**perjodu ta' żmien** li l-baġit indikat jirreferi għalih. Barra dan, agħżel it-tip ta' **sorsi ta' finanzjament** applikabbli u s-sehem perċentwali tagħhom tal-baġit globali.

Inkludi kull dettall fil-kaxxa tal-"Kummenti".

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-tabella kompluta tal-"Baġit".

| Overall budget foreseen for plan implementation | | | Budget spent so far | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Total (€) | Mitigation (%) | 60 | Total (€) | Mitigation (%) | |
| 5224281263 | Adaptation (%) | 40 | 0 | Adaptation (%) | |

Budget period 2005 2020 15 year

| Financing sources | | Share (in % of overall budget) |
|---|---|---|
| Local authority's own resources | ☑ | 90 |
| External | | |
| - Public | ☐ | |
| - Private | ☐ | |
| Not allocated to any sources | ☑ | 10 |

Comments (click the arrow to expand or collapse)

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Proċess ta' monitoraġġ

Iddeskrivi fil-kamp għat-test ħieles kif qed tippjana li twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħek, eż. l-għadd ta' reviżjonijiet previsti, il-perjodu ta' żmien korrispondenti, eċċ. Malli jkun komplut, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

# VI. INVENTARJU TAL-EMISSJONIJIET

L-iżvilupp ta’ **Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi (BEI)** huwa l-punt tal-bidu għall-iżvilupp tal-parti tal-mitigazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiegħek. F’din it-taqsima, inti se tkun tista’ tlesti l-BEI u l-**Inventarju tal-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet (MEI)** biex issegwi l-progress.

F’*MyCovenant* agħżel **L-inventarji tiegħi** fis-Sezzjoni għar-rapportar, u wara agħżel it-tab tan-navigazzjoni **Inventarju tal-Emissjonijiet.**




Din it-taqsima hija maqsuma fi tliet partijiet ewlenin:

- **Konsum finali tal-enerġija** – li fiha inti għandek tirrapporta d-*data* tal-konsum finali tal-enerġija għal kull settur u trasportatur tal-enerġija;
- **Provvista ta’ enerġija** – li fiha inti għandek tirrapporta d-*data* relatata mal-akkwisti tal-elettriku ekoloġiku muniċipali u l-produzzjoni tal-enerġija lokali;
- **Emissjonijiet ta’ $CO_2$** – li fiha inti għandek tirrapporta l-fatturi ta’ emissjoni applikati. L-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal kull settur u trasportatur tal-enerġija jiġu kkalkulati awtomatikament.

Din it-taqsima tal-mudell tar-rapportar trid titlesta **fi żmien sentejn** minn meta tingħaqad mal-Patt tas-Sindki.

## Ħarsa ġenerali




Inti trid tlesti l-kampijiet li ġejjin:

- **Sena tal-inventarju:** L-ewwel sena tal-inventarju tirreferi għas-sena bażi, jiġifieri s-sena li kontra tagħha jiġu mkejla l-kisbiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-sena fil-mira tiegħek. Fil-mudell online, is-sena bażi timtela minn qabel billi din hija speċifikata taħt il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ globali tiegħek fit-taqsima *L-istrateġija Tiegħi.* Kull meta żżid MEI, trid tindika s-sena li dan jirreferi għalih.
- **Popolazzjoni fis-sena tal-inventarju:** Speċifika l-għadd ta' abitanti fis-sena tal-inventarju.
- **Tip ta' fattur ta' emissjoni:** Agħżel it-tip ta' fattur ta' emissjoni użat mill-għażliet li ġejjin:
  - **IPCC (Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima)** – il-fatturi ta' emissjoni għall-kombustjoni tal-fjuwil, ibbażat fuq il-kontenut ta' karbonju ta' kull fjuwil.
  - **LCA (Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja)** – il-fatturi ta' emissjoni għaċ-ċiklu tal-ħajja globali ta' kull trasportatur tal-enerġija, jiġifieri li jinkludu mhux biss l-emissjonijiet ta' GHG minħabba l-kombustjoni tal-fjuwil iżda wkoll l-emissjonijiet tal-katina tal-provvista sħiħa tal-enerġija (estrazzjoni, trasport u proċessar).
  - **Fatturi ta' emissjoni nazzjonali/subnazzjonali** – fatturi li jkunu ġew ivvalidati minn korp pubbliku. Meta inti tagħżel din l-opzjoni, trid tispeċifika l-fatturi ta' emissjoni użati u tipprovdi s-sors/il-korp ta' validazzjoni.
- **Unità ta' rapportar tal-emissjonijiet:** Agħżel l-unità ta' rapportar tal-emissjonijiet adottata mill-għażliet li ġejjin: (i) **tunnellati ta' $CO_2$** – jekk inti tagħżel li tirrapporta biss l-emissjonijiet ta' $CO_2$; (ii) **tunnellati ta' $CO_2$ ekwivalenti** – jekk inti tagħżel li tinkludi wkoll GHGs oħra bħal $CH_4$ u $N_2O$, eż. mis-setturi mhux relatati mal-enerġija bħall-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja".

## Fatturi ta' emissjoni ta' $CO_2$

Indika l-**fatturi ta' emissjoni** li użajt għall-kalkulazzjoni tal-emissjonijiet ta' $CO_2$. Inti tista' tivviżwalizza l-fatturi ta' emissjoni tal-fjuwils prestabbiliti f'din it-tabella. Il-fatturi ta' emissjoni huma murija fuq il-bażi tal-approċċ tal-fatturi ta' emissjoni u l-unità ta' rapportar magħżula qabel. Jekk inti użajt dawn il-valuri prestabbiliti, tista' sempliċiment tagħżilhom. Il-fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-inventarji tal-emissjonijiet lokali huma ppubblikati regolarment mill-JRC.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-tabella kompluta "Fatturi ta' emissjoni ta' $CO_2$".

CO2 emission factors

| Inventory year | CO2 emission factors adopted [t/MWh] | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity | | District heating and cooling | Fossil fuels | | | | | | | | Renewable energies | | | | | |
| | National | Local | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Diesel | Gasoline | Lignite | Coal | Other fossil fuels | Plant oil | Biofuel | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas |
| 2005 | 0.483 | 0.482 | 0.245 | 0.202 | 0.227 | 0.279 | 0.267 | 0.249 | | | | | | | | | |
| 2007 | 0.483 | 0.483 | 0.235 | 0.202 | 0.227 | 0.279 | 0.267 | 0.249 | | | | | 0 | | 0 | | |
| 2009 | 0.483 | 0.482 | 0.237 | 0.202 | 0.227 | 0.279 | 0.267 | 0.249 | | | | | 0 | | 0 | | |
| 2011 | 0.483 | 0.475 | 0.235 | 0.202 | 0.227 | 0.279 | 0.267 | 0.249 | | | 0.273 | | 0 | | 0 | | |
| 2013 | 0.483 | 0.474 | 0.217 | 0.202 | 0.227 | 0.279 | 0.267 | 0.249 | | | | | 0 | | 0 | | |

Aħna nirrakkomandaw bil-qawwa li **tissostitwixxi l-fatturi ta' emissjoni prestabbiliti bil-fatturi ta' emissjoni speċifiċi għall-pajjiż jew il-fatturi ta' emissjoni tiegħek stess** fuq il-bażi tal-proprjetajiet dettaljati tal-fjuwils użati fit-territorju tiegħek.

Fir-rigward tal-fattur ta' emissjoni tal-elettriku, inti għandek tirrapporta l-**fattur ta' emissjoni nazzjonali għall-elettriku** (NEEFE), u jekk applikabbli l-**fattur ta' emissjoni lokali għall-elettriku** (EFE). Dan tal-aħħar japplika biss jekk hemm impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija lokali fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek. It-tabella t'hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-fatturi ta' emissjoni tal-elettriku nazzjonali u lokali.

| Fattur ta' emissjoni | Definizzjoni | Meta għandek tapplika |
|---|---|---|
| Nazzjonali (NEEFE) | Fattur ta' emissjoni għal elettriku mhux prodott lokalment. Dan jirreferi għat-taħlita tal-enerġija użata għall-produzzjoni tal-elettriku fil-grilja nazzjonali jew reġjonali. | Jekk ma hemmx produzzjoni tal-elettriku lokali u l-ebda akkwist ta' elettriku ekoloġiku muniċipali. |
| Lokali (EFE) | Fattur ta' emissjoni aġġustat għal akkwisti ta' elettriku u/jew elettriku ekoloġiku prodott lokalment. | Jekk inti għandek impjanti tal-produzzjoni tal-elettriku lokali fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek u/jew akkwisti muniċipali ta' elettriku ekoloġiku ċċertifikat. |

L-Anness VII jinkludi l-Fatturi ta' Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku (NEEFE).

Il-**fattur ta' emissjoni tal-elettriku lokali** jista' jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni tal-formula deskritta fil-Kapitolu 5 tal-Gwida tal-JRC "Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima" – Parti 2.[3] Bl-istess mod, il-**fattur ta' emissjoni ta' sħana/kesħa** (EFH) għandu jirrifletti t-taħlita tal-enerġija użata biex tiġi prodotta s-sħana/l-kesħa. Dan jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni tal-formula deskritta fil-Kapitolu 5 tal-Gwida "Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima" – Parti 2.[3]
Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

[3] Bertoldi P. (editur), il-Gwida "Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAP) – Parti 2 - Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi (BEI) u Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità (RVA)", EUR 29412 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018, ISBN 978-92-79-96929-4, doi:10.2760/118857, JRC112986

### Użu tat-taqsiriet tan-notazzjoni

Sabiex jiġu akkomodati l-limitazzjonijiet fid-disponibbiltà tad-*data* (eż. in-nuqqas ta' *data* tal-emissjonijiet, in-nuqqas ta' okkorrenza ta' kategorija tas-sorsi tal-emissjonijiet), jistgħu jintużaw it-**taqsiriet tan-notazzjoni** li ġejjin fit-tab tal-Inventarju tal-emissjonijiet:

- **"NO"** (*not occurring* - ma seħħx): Attività jew proċess li ma jseħħx jew ma jeżistix fil-belt. Din it-taqsira tan-notazzjoni tista' tintuża wkoll għal sorsi mhux sinifikanti (jekk id-daqs tal-emissjonijiet huwa iżgħar minn kwalunkwe sottosettur ieħor rapportat).
- **"IE"** (*included elsewhere* - inkluż x'imkien ieħor): L-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal din l-attività huma stmati u ppreżentati f'kategorija oħra fl-istess inventarju jew koperti minn sistema ta' rapportar dedikata (eż. ETS). Din it-taqsira tan-notazzjoni tista' tintuża meta jkun diffiċli li taqsam id-*data* f'sottosetturi diversi. Din it-taqsira tan-notazzjoni tista' tintuża wkoll meta jintuża l-iskart għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. F'dawn iċ-ċirkostanzi, IE tista' tintuża fis-sottosettur tal-iskart rilevanti.
- **"C"** (*confidential* - kunfidenzjali): Emissjonijiet ta' GHG li jistgħu jwasslu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, u b'hekk mhumiex irrapportati pubblikament. Pereżempju, ċertu operazzjonijiet militari jew faċilitajiet industrijali jistgħu ma jippermettux id-divulgazzjoni ta' *data* pubblika fejn din jista' jkollha impatt fuq is-sigurtà.
- **"NE"** (*not estimated* - mhux stmati): L-emissjonijiet ta' GHG iseħħu imma ma ġewx stmati jew irrapportati. NE ma tistax tintuża għal sorsi ta' emissjoni li huma rekwiżiti obbligatorji (eż. is-setturi prinċipali).

**Nota:** B'mod awtomatiku, it-taqsira tan-notazzjoni "NE" tiġi applikata għat-tab tal-Inventarju tal-emissjonijiet sħiħ. Inti tista' tagħżel taqsiriet tan-notazzjoni oħra mid-drop-down menu f'kull ċellola. Meta d-*data* tkun disponibbli, huwa rakkomandat li inti ddaħħal **valur numeriku** – sempliċement ikklikkja ċ-ċellola rispettiva u agħżel "Valur tat-tip".

## Konsum finali tal-enerġija



Final energy consumption

| Sector | FINAL ENERGY CONSUMPTION [MWh] | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity | District heating and cooling | Fossil fuels | | | | | | | | Renewable energies | | | | | | Total |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Diesel | Gasoline | Lignite | Coal | Other fossil fuels | Plant oil | Biofuel | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | |
| BUILDINGS, EQUIPMENT/FACILITIES AND INDUSTRIES | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| TRANSPORT | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OTHER | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Save

Ir-ringieli tat-tabella jirreferu għal diversi **setturi** (u sottosetturi), filwaqt li l-kolonni jirreferu għat-**trasportaturi tal-enerġija** (eż. tal-elettriku, sħana/kesħa, gass naturali, eċċ) użati fis-setturi rispettivi fit-territorju tal-awtorità lokali tiegħek. Il-konsum tal-enerġija finali huwa rrapportat f'**MWh** għal kull trasportatur tal-enerġija u kull settur għal sena speċifika.

Is-setturi huma raggruppati fi tliet makrosetturi: (i) **Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji**, (ii) **Trasport**, (iii) **Oħrajn**. F'kull makrosettur, jingħataw dettalji dwar is-sottosetturi. Il-pjattaforma tippermetti lill-firmatarji jirrapportaw f'livelli settorjali differenti sabiex jakkomodaw ċertu livell ta' **flessibbiltà**.

### Is-setturi prinċipali tal-Patt

**Erba' setturi prinċipali** ġew iddefiniti. Dawn huma kkunsidrati s-setturi ewlenin li fihom l-awtoritajiet lokali jistgħu jinfluwenzaw il-konsum tal-enerġija u bħala konsegwenza jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ relatati.

Is-setturi prinċipali tal-Patt huma indikati b'ikona ta' "ċavetta": f'*MyCovenant* u huma dawn li ġejjin:

- Bini, tagħmir/faċilitajiet muniċipali
- Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarji (mhux muniċipali)
- Bini residenzjali
- Trasport

Bħala minimu, fl-Inventarju tal-emissjonijiet għandha tiġi rrapportata d-***data* għal tlieta mill-erba' setturi prinċipali tal-Patt**. B'mod fakultattiv, tista' tiġi rrapportata *data* għal setturi addizzjonali.

**L-azzjonijiet ta' mitigazzjoni**, irrapportati fit-tab "Azzjonijiet", għandhom jindirizzaw **mill-inqas tnejn mis-setturi prinċipali magħżula**.

L-Anness I jipprovdi ħarsa ġenerali tas-setturi li jistgħu jiġu inklużi fl-inventarju tal-emissjonijiet taħt il-makrosettur "**Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji**", u d-*data* li trid tiġi rrapportata taħt kull settur.

Huwa possibbli li tirrapporta ***data* aggregata** fil-livell ta' settur taħt "**Oħrajn**". Huwa possibbli li tirrapporta *data* aggregata fil-livell ta' makrosettur taħt "**Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji mhux allokati**".

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' taqsima kompluta għal "Bini, tagħmir/faċilitajiet u industriji" fit-tabella "Konsum finali ta' enerġija".

| Sector | FINAL ENERGY CONSUMPTION [MWh] | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity | District heating and cooling | Fossil fuels | | | | | | | | Renewable energies | | | | | | Total |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Diesel | Gasoline | Lignite | Coal | Other fossil fuels | Plant oil | Biofuel | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | |
| BUILDINGS, EQUIPMENT/FACILITIES AND INDUSTRIES | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Municipal buildings, equipment/facilities | 51624.10 | 1685.40 | 72945.50 | 177.60 | 5604.60 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 132037.20 |
| - Municipal buildings, equipment/facilities | NE | NO | NO | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Public lighting | 30538 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 30538.00 |
| - Other | 21086.1 | 1685.4 | 72945.5 | 177.6 | 5604.6 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 101499.20 |
| Tertiary (non municipal) buildings, equipment/facilities | 859424.90 | 7951.20 | 1029965.20 | 53683.50 | 0.00 | 17803.60 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 1968828.40 |
| - Institutional buildings | NE | NE | NE | NE | NO | NE | NO | NO | NO | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Other | 859424.9 | 7951.2 | 1029965.2 | 53683.5 | NE | 17803.6 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 1968828.40 |
| Residential buildings | 498999 | 27792.4 | 2663810.1 | 11517.5 | 3131.7 | 41541.6 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 3246792.30 |
| Industry | 300170.00 | 0.00 | 521425.80 | 47338.80 | 7067.70 | 57017.90 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 933020.20 |
| - Industry Non-ETS | 300170 | NE | 521425.8 | 47338.8 | 7067.7 | 57017.9 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 933020.20 |
| - Industry-ETS | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| Buildings, equipment/facilities non allocated | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| Subtotal | 1710218.00 | 37429.00 | 4288146.60 | 112717.40 | 15804.00 | 116363.10 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 6280678.10 |

Il-makrosettur "**Trasport**" huma maqsum fi tliet sottosetturi. Kull sottosettur huwa maqsum skont il-modalità tat-trasport. Jekk ma għandekx id-*data* tat-trasport diżaggregata skont il-modalità tat-trasport, inti tista' tirrapporta d-*data* aggregata taħt **"Oħrajn"**.

Il-firmatarji huma meħtieġa jirrapportaw biss l-emissjonijiet minn **vjaġġi li jseħħu ġewwa l-konfini tal-muniċipalità**. Għall-**"Passaġġi fuq l-ilma lokali u domestiċi"**, qies biss emissjonijiet minn vjaġġi li jsiru kompletament ġewwa l-fruntieri tal-muniċipalità (jiġifieri li jibdew u jispiċċaw ġewwa l-muniċipalità, bħal kruċieri għal żjarat turistiċi). Għal-**"Avjazzjoni lokali"**, qies biss emissjonijiet minn vjaġġi li jsiru kompletament ġewwa l-fruntieri tal-muniċipalità (jiġifieri li jibdew u jispiċċaw ġewwa l-muniċipalità, bħal ħelikopters għal żjarat turistiċi jew ta' emerġenza u avjazzjoni lokali oħra).

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' taqsima kompluta għal "Trasport" fit-tabella "Konsum Finali ta' Enerġija".

Meta tagħżel **"Trasport"** bħala s-"settur prinċipali", għandha tiġi rrapportata d-*data* għal **mill-inqas wieħed mis-sottosetturi**.

Huwa possibbli li **tirrapporta *data* aggregata** fil-livell ta' settur taħt **"Oħrajn"**. Huwa possibbli li tirrapporta **data aggregata fil-livell ta' makrosettur** taħt **"Trasport mhux allokat"**.

| Sector | FINAL ENERGY CONSUMPTION [MWh] | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity | District heating and cooling | Fossil fuels | | | | | | | | Renewable energies | | | | | | Total |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Diesel | Gasoline | Lignite | Coal | Other fossil fuels | Plant oil | Biofuel | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | |
| BUILDINGS, EQUIPMENT/FACILITIES AND INDUSTRIES | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| TRANSPORT | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Municipal fleet | 0.00 | 0.00 | 135.00 | 0.00 | 0.00 | 4392.00 | 626.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 275.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 5428.00 |
| - Road | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Other | NE | NE | 135 | NE | NE | 4392 | 626 | NE | NE | NE | NE | 275 | NE | NE | NE | NE | 5428.00 |
| Public transport | 9085.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 36164.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 2054.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 47303.00 |
| - Road | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Rail | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Local and domestic waterways | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Other | 9085 | NE | NE | NE | NE | 36164 | NE | NE | NE | NE | NE | 2054 | NE | NE | NE | NE | 47303.00 |
| Private and commercial transport | 749.00 | 0.00 | 2477.00 | 3914.00 | 0.00 | 1639227.00 | 300263.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 104685.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 2051315.00 |
| - Road | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Rail | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Local and domestic waterways | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Local aviation | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| - Other | 749 | NE | 2477 | 3914 | NE | 1639227 | 300263 | NE | NE | NE | NE | 104685 | NE | NE | NE | NE | 2051315.00 |
| Transport non allocated | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| Subtotal | 9834.00 | 0.00 | 2612.00 | 3914.00 | 0.00 | 1679783.00 | 300889.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 107014.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 2104046.00 |

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju tat-taqsima "Oħrajn" kompluta fit-tabella "Konsum Finali ta' enerġija".

| Sector | FINAL ENERGY CONSUMPTION [MWh] | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity | District heating and cooling | Fossil fuels | | | | | | | | Renewable energies | | | | | | Total |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Diesel | Gasoline | Lignite | Coal | Other fossil fuels | Plant oil | Biofuel | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | |
| BUILDINGS, EQUIPMENT/FACILITIES AND INDUSTRIES | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| TRANSPORT | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OTHER | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Agriculture, Forestry, Fisheries | 3526 | NE | NE | 81245.8 | NE | 15499.8 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 100271.60 |
| Other non allocated | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 0.00 |
| Subtotal | 3526.00 | 0.00 | 0.00 | 81245.80 | 0.00 | 15499.80 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 100271.60 |
| Total | 1715671.00 | 37429.00 | 4332352.90 | 213787.10 | 15804.00 | 1001894.20 | 1009402.70 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 8326340.90 |

Taħt il-makrosettur **"Oħrajn"** inti tista' tirrapporta d-*data* relatata ma' **"Agrikoltura, forestrija u sajd"**. Irrapporta kwalunkwe settur(i) oħra li huma differenti mis-setturi disponibbli fl-Inventarju tal-emissjonijiet taħt "**Oħrajn mhux allokati**".

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja".

## Elettriku Ekoloġiku ċċertifikat

Elettriku ekoloġiku ċċertifikat ifisser elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli koperti minn garanziji tal-oriġini (skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/28/KE (RED I) u fid-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (REDII)). L-elettriku ekoloġiku kollu mixtri mill-awtorità lokali kif ukoll minn atturi oħra fil-konfini tal-muniċipalità għandu jiġi inkluż.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Elettriku ekoloġiku ċċertifikat".

"NO" = not occurring, "IE" = included elsewhere, "NE" = not estimated, "C" = confidential

| Certified green electricity | Renewable electricity [MWh] | CO2/CO2eq. Emission factor [t/MWh] |
|---|---|---|
| Purchases Guarantees of Origins (within the municipality boundaries) | NE | |
| Sales Guarantees of Origins (within the municipality boundaries) | NE | |

Jekk qed tuża **fatturi ta’ emissjoni tal-IPCC**, il-fattur ta’ emissjoni tal-elettriku ekoloġiku ċċertifikat prestabbilit huwa żero. Jekk qed tuża **fatturi ta’ emissjoni tal-LCA**, trid tindika l-fattur ta’ emissjoni ta’ $CO_2$ għall-elettriku mixtri.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja¨.

## Produzzjoni ta’ elettriku lokali/distribwita (enerġija rinnovabbli biss)

Fil-każ ta’ elettriku ġġenerat esklussivament minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inti trid tispeċifika l-ammont rispettiv ta’ **elettriku ġġenerat lokalment** (f’MWh). Inti tista’ tagħżel li tirrapporta l-ammont għal kull tip ta’ impjant jew li tirrapporta biss it-**total** fil-każ li din l-informazzjoni dettaljata mhijiex disponibbli.

L-immaġni t’hawn taħt turi eżempju ta’ tabella kompluta ta’ “‘Produzzjoni ta’ elettriku lokali/distribwita (enerġija rinnovabbli biss)”.

"NO" = not occurring, "IE" = included elsewhere, "NE" = not estimated, "C" = confidential

| Local renewable electricity plants | Renewable electricity produced [MWh] | Emission factor [t/MWh produced] | CO2/CO2eq. emissions [t] |
|---|---|---|---|
| Wind | 0 | 0 | 0 |
| Hydroelectric | 0 | 0 | 0 |
| Photovoltaics | 25894.2 | 0 | 0 |
| Geothermal | NE | | 0 |
| Total | 25894.20 | | 0.00 |

Jekk qed tuża **fatturi ta’ emissjoni tal-IPCC**, il-fattur ta’ emissjoni tal-elettriku rinnovabbli prestabbilit huwa żero. Jekk qed tuża **fatturi ta’ emissjoni tal-LCA**, trid tindika l-fattur ta’ emissjoni ta’ $CO_2$ għall-elettriku rinnovabbli ġġenerat.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja¨.

## Local/distributed electricity production

Fil-każ ta’ impjanti ta’ **Produzzjoni ta’ elettriku u sħana fl-istess ħin** (CHP, *Combined Heat & Power*), li jiġġeneraw is-sħana u l-elettriku fl-istess ħin, jew kwalunkwe impjanti oħra mhux imniżżla, irrapporta l-ammont ta’ elettriku prodott (f’MWh), kemm minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli kif ukoll minn dawk mhux rinnovabbli. Billi xi impjanti CHP jużaw fjuwil doppju (jew jużaw fjuwil ta’ riżerva), huwa rilevanti li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni tal-elettriku li tiġi minn sorsi rinnovabbli u dik li tiġi minn sorsi mhux rinnovabbli. Inti għandek tirrapporta wkoll l-ammonti ta’ sorsi tal-enerġija użati għall-ġenerazzjoni tal-elettriku (f’MWh) kif ukoll l-ammont ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2$ (f’tunnellati) relatati mal-produzzjoni tal-elettriku (kemm minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll minn dawn mhux rinnovabbli).

L-immaġni t’hawn taħt turi eżempju ta’ tabella kompluta ta’ “Produzzjoni ta’ elettriku lokali/distribwita”.

"NO" = not occurring, "IE" = included elsewhere, "NE" = not estimated, "C" = confidential

| Local electricity production plants | Electricity produced [MWh] | | Energy carrier input [MWh] | | | | | | | | | | | | | | CO2/CO2 eq. emissions [t] | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Electricity renewable | Electricity non renewable | Fossil fuels | | | | | Plant oil | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | Waste | Other renewable | Other | Fossil sources | Renewable sources |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Lignite | Coal | | | | | | | | | | |
| Combined Heat and Power | NE | 22292.2 | 10531 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | 2991.9 | NE |
| Other (ETS and large-scale plants > 20 MW not recommended) | 102.5 | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE | NE |
| Total | 102.50 | 22292.20 | 10531.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 2991.90 | 0.00 |

Fil-każ ta’ **impjanti CHP**, trid tirrapporta **biss** l-**elettriku prodott**, filwaqt li s-sħana/kesħa prodotta tiġi rapportata fit-tabella li jmiss.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja¨.

## Produzzjoni lokali ta' sħana/kesħa

Jekk is-sħana/kesħa hija fornuta bħala komodità lill-utenti finali fit-territorju tal-awtorità lokali, irrapporta l-ammont ta' **sħana/kesħa prodotta** (f'MWh), kemm minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll dawk mhux rinnovabbli. Inti għandek tirrapporta wkoll l-ammonti ta' sorsi tal-enerġija użati għall-ġenerazzjoni tas-sħana/kesħa kif ukoll l-ammont ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ (f'tunnellati) relatati mal-produzzjoni tas-sħana/kesħa (kemm minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll minn dawn mhux rinnovabbli). L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Produzzjoni lokali ta' sħana/kesħa".

"NO" = not occurring, "IE" = included elsewhere, "NE" = not estimated, "C" = confidential

| Local heat/cold production plants | Heat/cold produced [MWh] | | Energy carrier input [MWh] | | | | | | | | | | | | | | CO2/CO2 eq. emissions [t] | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Heat/cold renewable | Heat/cold non renewable | Fossil fuels | | | | | Plant oil | Other biomass | Solar thermal | Geothermal | Biogas | Waste | Other renewable | Other | Fossil sources | Renewable sources |
| | | | Natural gas | Liquid gas | Heating oil | Lignite | Coal | | | | | | | | | | |
| Combined Heat and Power | | 42118 | 47109 | | | | | | | | | | | | | | |
| District heating (heat-only) | | 30468 | 19050 | | 14919 | | | | | | | | | | | | |
| Other | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Total | 0.00 | 72586.00 | 66159.00 | 0.00 | 14919.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Setturi mhux relatati mal-enerġija

Fl-inventarju tal-emissjonijiet tista' tinkludi l-emissjonijiet minn **setturi mhux relatati mal-enerġija**. Meta tkun qed tirrapporta *data* minn setturi bħal dawn, għandha tiġi rrapportata d-*data* tal-attivitajiet (eż.l-ammont ta' skart fil-punt ta' rimi jew trattament) u l-ekwivalenti ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ (f'tunnellati). Emissjonijiet oħra diretti li mhumiex relatati mal-kombustjoni tal-fjuwil jinkludu **emissjonijiet li jaħarbu** mir-rimi u t-trattament tal-iskart (inkluż l-ilma mormi) ġġenerati fil-konfini tal-muniċipalità u emissjonijiet li jaħarbu minn sistemi ta' distribuzzjoni tal-gass naturali (bħal tagħmir jew tnixxijiet mill-pipelines).

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Setturi tal-enerġija mhux relatati".

| Non-energy related sectors | CO2 eq. emissions [t] | Activity data [tons] |
|---|---|---|
| Waste management | | |
| - Solid waste disposal | NE | |
| - Biological Treatment of Solid Waste | NE | |
| - Incineration and Open Burning of Waste | NE | |
| - Other | NE | |
| | CO2 eq. emissions [t] | Activity data [m3] |
| Waste water treatment and discharge | NE | |
| Other non-energy related such as fuggitive emissions | NE | |

L-emissjonijiet minn "skart għal enerġija", fejn il-materjal tal-iskart/ilma mormi jintuża direttament bħala fjuwil jew jiġi konvertit fi fjuwil, **mhumiex inklużi** f'din it-tabella.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Inventarju tal-emissjonijiet (ikkalkulat)

Wara li tlesti d-*data* kollha speċifikata hawn fuq, ikklikkja l-buttuna "Iġġenera t-tabella tal-emissjonijiet". It-**tabella tal-outputs tal-inventarju tal-emissjonijiet** tiġi kkalkulata b'mod awtomatiku bħala l-**prodott tal-konsum ta' enerġija finali** u l-**fatturi ta' emissjoni** korrispondenti.

# VII. VALUTAZZJONI TAR-RISKJU U L-VULNERABILITÀ

L-iżvilupp ta' **Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità (RVA)** huwa l-punt tal-bidu għall-iżvilupp tal-parti tal-adattament għat-tibdil fil-klima tal-pjan ta' azzjoni tiegħek. F'din it-taqsima inti se tkun tista' tlesti l-RVA u taġġornaha sussegwentement biex timmonitorja l-progressi li jkunu saru.

Sabiex taċċessa din il-parti f' *MyCovenant* agħżel **L-inventarji tiegħi** fis-Sezzjoni għar-rapportar u agħżel it-tab tan-navigazzjoni **Riskji u vulnerabilitajiet.**




Din it-taqsima tal-mudell tar-rapportar trid titlesta **fi żmien sentejn** minn meta tingħaqad mal-Patt tas-Sindki.

L-RVA f'*MyCovenant* tikkonsisti minn **erba' passi**:




Wara li tlesti dawn l-erba' passi, *MyCovenant* tapplika **approċċ b'żewġ gradi.** L-ewwel, inti se **tagħżel minn lista sempliċi** (ta' perikli, setturi, eċċ.) u bħala riżultat ta' dan, se tintwera **tabella ġġenerata awtomatikament** li tippermetti definizzjoni ulterjuri. Dan l-approċċ huwa spjegat f'aktar dettall fl-immaġni t'hawn taħt:




L-approċċ b'żewġ gradi jiffaċilita r-rapportar tal-informazzjoni għaliex it-tabelli tal-output jiġu ġġenerati awtomatikament fuq il-bażi tas-selezzjoni tal-firmatarju u ma fihom l-ebda informazzjoni skaduta.

Definizzjonijiet tal-perikli klimatiċi u tas-setturi huma disponibbli fil-mudell online billi tmexxi l-maws fuq it-termini rispettivi u fl-Annessi IV u V.

## Perikli klimatiċi[4]




L-ewwel, taħt **"Pass 1: Agħżel il-perikli klimatiċi rilevanti"**), agħżel mil-lista l-perikli klimatiċi rilevanti għall-awtorità lokali tiegħek. Inti tista' tagħżel il-perikli ewlenin u l-perikli sekondarji rispettivi (immarkati b'sing). Pereżempju, "Maltempati" huwa periklu ewlieni, filwaqt li "Riħ qawwi ħafna", "Mareġġata", eċċ huma l-perikli sekondarji tiegħu.

> Huwa rakkomandat li tagħżel **il-perikli klimatiċi l-iktar rilevanti** għall-awtorità lokali tiegħek. Is-selezzjoni ta' perikli sekondarji hija *fakultattiva* u hija possibbli biss jekk ikun intagħżel il-periklu ewlieni rispettiv.

Meta tkun għażilt il-perikli klimatiċi, ikklikkja l-buttuna "Issejvja". Din l-azzjoni se tagħlaq il-lista tal-perikli klimatiċi u turi t-**tabella ġġenerata awtomatikament ta' "Perikli klimatiċi"**. Din it-tabella tiġi mimlija minn qabel awtomatikament bil-perikli klimatiċi kollha magħżulin hawn fuq. Fil-każ li tkun tixtieq tbiddel is-selezzjoni tiegħek, sempliċement erġa' lura għal-lista taħt "Pass 1: Agħżel il-perikli klimatiċi rilevanti".

Fit-tabella "Perikli klimatiċi", inti se tkun meħtieġ tispeċifika dan l-ġej, bl-użu tad-drop-down menus:

[4] Periklu normalment jirreferi għal avvenimenti fiżiċi jew xejriet relatati mal-klima jew l-impatti fiżiċi tagħhom (IPCC).

- **Probabbiltà ta' periklu**, fil-preżent, billi tagħżel wieħed mill-valuri li ġejjin:
  - Għolja = estremament probabbli li l-periklu jseħħ (eż. probabbiltà ta' okkorrenza ikbar minn 1 minn kull 20)
  - Moderata = probabbli li l-periklu jseħħ (eż. probabbiltà ta' okkorrenza bejn 1 minn kull 20 u 1 minn kull 200)
  - Baxxa = improbabbli li l-periklu jseħħ (eż. probabbiltà ta' okkorrenza bejn 1 minn kull 200 u 1 minn kull 2,000)
  - Mhux magħrufa = il-belt ma esperjenzatx jew ma osservatx perikli klimatiċi fil-passat jew m'għandha l-ebda mod kif tirrapporta b'mod preċiż din l-informazzjoni fuq il-bażi tal-evidenza jew tad-*data*

- **Impatt tal-Periklu**, fil-preżent, billi tagħżel wieħed mill-valuri li ġejjin:
  - Għoli = il-periklu jirrappreżenta livell għoli (jew l-ogħla) ta' tħassib potenzjali għall-ġurisdizzjoni tiegħek; meta jseħħ, il-periklu jirriżulta f'impatti (estremament) serji għall-ġurisdizzjoni u interruzzjonijiet (katastrofiċi) għall-ħajja ta' kuljum
  - Moderat = il-periklu jirrappreżenta livell moderat ta' tħassib potenzjali għall-ġurisdizzjoni tiegħek; meta jseħħ, il-periklu jirriżulta f'impatti għall-ġurisdizzjoni tiegħek, iżda dawn huma biss moderatament sinifikanti għall-ħajja ta' kuljum
  - Baxx = il-periklu jirrappreżenta livell iktar baxx (l-iktar baxx) ta' tħassib potenzjali għall-ġurisdizzjoni tiegħek; meta jseħħ, il-periklu jirriżulta f'impatti għall-ġurisdizzjoni tiegħek, iżda dawn huma meqjusin inqas sinifikanti (jew insinifikanti) għall-ħajja ta' kuljum
  - Mhux magħruf = il-belt ma esperjenzatx jew ma osservatx perikli klimatiċi fil-passat jew m'għandha l-ebda mod kif tirrapporta b'mod preċiż din l-informazzjoni fuq il-bażi tal-evidenza jew tad-*data*

- **Bidla mistennija fl-intensità tal-periklu** u **Bidla mistennija fil-frekwenza tal-periklu**, billi tagħżel wieħed mill-valuri li ġejjin għal kull waħda: *Żieda*, *Tnaqqis*, *L-ebda bidla*, *Mhux magħruf*

- **Perjodu/i ta' żmien** li jirreferi/u għall-bidliet mistennija, billi tagħżel wieħed jew iktar mill-valuri li ġejjin:
  - Terminu qasir = 20-30 sena minn issa
  - Terminu medju = wara l-2050
  - Terminu twil = viċin l-2100
  - Mhux magħruf = mhux possibbli li dan jiġi definit

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja¨.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' “Perikli klimatiċi”.

| Climate hazards | Current risk of hazard occuring | | Future hazards | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Probability of hazard | Impact of hazard | Expected change in hazard intensity | Expected change in hazard frequency | Timeframe(s) |
| Heavy precipitation | Moderate | Moderate | Decrease | Decrease | ☑ Short-term<br>☑ Mid-term<br>☑ Long-term<br>☐ Not known |
| - Heavy snowfall | Moderate | Moderate | Increase | Increase | ☑ Short-term<br>☑ Mid-term<br>☐ Long-term<br>☐ Not known |
| Floods & sea level rise | Low | Low | Increase | Increase | ☑ Short-term<br>☐ Mid-term<br>☐ Long-term<br>☐ Not known |
| Droughts & water scarcity | High | High | Increase | Increase | ☐ Short-term<br>☑ Mid-term<br>☑ Long-term<br>☐ Not known |
| Wild fires | Low | Moderate | Not known | Not known | ☑ Short-term<br>☐ Mid-term<br>☐ Long-term<br>☐ Not known |

## Setturi vulnerabbli[5]




L-ewwel, taħt **"Pass 2: Agħżel is-setturi vulnerabbli rilevanti"**, agħżel mil-lista dawk is-setturi vulnerabbli l-aktar rilevanti għal kull periklu klimatiku. Innota li l-perikli klimatiċi magħżulin fil-Pass 1 jiġu mimlija għal-lest awtomatikament.

**Mill-inqas settur wieħed** irid jintgħażel għal kull periklu klimatiku. Jekk le, se jintwera messaġġ ta' żball fil-qiegħ tat-tabella. Filwaqt li jistgħu jintagħżlu setturi diversi, huwa rakkomandat li inti tagħżel biss is-**settur(i) vulnerabbli l-aktar rilevanti.**

Meta tkun għażilt is-setturi vulnerabbli, ikklikkja l-buttuna "Issejvja". Din l-azzjoni se tagħlaq il-lista u turi t-**tabella ġġenerata awtomatikament ta' "Setturi vulnerabbli"**. Din it-tabella tiġi mimlija minn qabel awtomatikament bis-setturi vulnerabbli kollha u l-perikli klimatiċi rispettivi magħżulin hawn fuq. Fil-każ li tkun tixtieq tbiddel s-selezzjoni tiegħek, sempliċement erġa' lura għal-lista taħt "Pass 2: Agħżel is-setturi vulnerabbli rilevanti".

Fit-tabella tas-"Setturi vulnerabbli", inti meħtieġ tispeċifika l-**livell ta' vulnerabilità kurrenti** ta' kull settur vulnerabbli, billi tagħżel wieħed mill-valuri li ġejjin:

- Għoli = settur li huwa probabbli ħafna li jiġi affettwat mill-periklu klimatiku
- Moderat = settur li huwa mistenni li jiġi affettwat okkażjonalment mill-periklu klimatiku
- Baxx = settur li huwa improbabbli li jiġi affettwat mill-periklu klimatiku
- Mhux magħruf = mhux possibbli li dan jiġi definit

B'mod fakultattiv, inti tista' tispeċifika **indikatur tal-vulnerabilità**, flimkien mal-valur tal-unità u numeriku tiegħu, għal kull settur. Il-mudell jinkludi lista ta' kampjuni ta' indikaturi, disponibbli wkoll fl-Anness VI, li jistgħu jservu bħala eżempji u sorsi ta' ispirazzjoni. Alternattivament, tista' tikteb indikatur inti stess.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

[5] Il-vulnerabilità (il-propensità jew il-predispożizzjoni li tkun affettwat ħażin) tinkludi diversi kunċetti u elementi li jinkludu s-sensittività jew is-suxxettibbiltà għal ħsara u n-nuqqas ta' kapaċità li wieħed ilaħħaq u jadatta (IPCC). Għalhekk, l-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu qed jivvalutaw komponent(i) differenti ta' vulnerabilità sa livelli differenti (eż sensittività, esponiment, kapaċità adattiva).

**Firmatarji li rrapportaw *data* relatata mas-settur qabel Jannar 2020**, se jkollhom jerġgħu jirrapportaw din id-*data* bl-użu tal-istruttura riveduta. Għal referenza, inti tista' tara d-*data* relatata mas-settur tiegħek irrapportata qabel Jannar 2020 fit-taqsima *"Informazzjoni addizzjonali rrapportata sa Jannar 2020 > Impatti mistennija fl-awtorità lokali jew fir-reġjun tiegħek"* fl-aħħar tal-RVA.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Setturi vulnerabbli".

| Climate hazard | Vulnerable sectors | Level | Indicator |
|---|---|---|---|
| Heavy precipitation | Buildings | High | |
| Heavy precipitation | Energy | High | |
| Heavy precipitation | Waste | High | |
| Floods & sea level rise | Agriculture & Forestry | Moderate | |
| Droughts & water scarcity | Buildings | Moderate | |
| Wild fires | Waste | Moderate | |

## Kapaċità adattiva[6] *(fakultattiv)*




L-ewwel, taħt **"Pass 3: Agħżel il-fatturi tal-kapaċità adattiva"**, agħżel mil-lista l-fattur(i) tal-kapaċità adattiva l-aktar rilevanti għal kull settur vulnerabbli. Innota li s-setturi vulnerabbli u l-perikli klimatiċi, magħżula preċedentement fil-Passi 1 u 2, jiġu mimlija minn qabel awtomatikament.

Billi din it-taqsima hija fakultattiva, inti tista' tiddeċiedi liema fattur(i) tal-kapaċità adattiva se tagħżel, jekk hemm.

Għal kull settur, huwa possibbli li tagħżel mill-**fatturi tal-kapaċità adattiva** li ġejjin**:**

- **Aċċess għas-servizzi**: Disponibbiltà ta' u aċċess għas-servizzi bażiċi (eż. kura tas-saħħa, edukazzjoni, eċċ)
- **Soċjoekonomiku**: L-interazzjoni bejn l-ekonomija u s-soċjetà, influwenzata mid-disponibbiltà tal-assi (eż. is-saħħa ekonomika, l-impjieg, il-faqar, l-immigrazzjoni); il-livell ta' sensibilizzazzjoni u koeżjoni soċjali.
- **Governattiv u istituzzjonali**: L-eżistenza ta' ambjent, regolamentazzjoni u politiki istituzzjonali (eż. liġijiet restrittivi, miżuri preventivi, politiki ta' żvilupp urban); it-tmexxija u l-kompetenzi tal-gvern lokali; il-kapaċità tal-persunal u l-istrutturi organizzazzjonali eżistenti (eż l-għarfien u l-ħiliet tal-persunal, il-livell ta' interazzjoni bejn id-dipartimenti/il-korpi muniċipali); id-disponibbiltà tal-baġit għall-azzjoni klimatika
- **Physical & environmental** (fiżiku u ambjentali): Id-disponibbiltà tar-riżorsi (eż. is-servizzi tal-ilma, tal-art, ambjentali) u l-prattiki għall-ġestjoni tagħhom; id-disponibbiltà ta' infrastruttura fiżika u l-kundizzjonijiet għall-użu u l-manutenzjoni tagħha (eż. l-infrastruttura ħadra u blu, il-faċilitajiet tas-saħħa u edukattivi, il-faċilitajiet ta' rispons għall-emerġenzi)
- **Knowledge & innovation** (għarfien u innovazzjoni**):** Id-disponibbiltà ta' *data* u għarfien (eż. metodoloġiji, gwida, oqfsa ta' valutazzjoni u monitoraġġ); id-disponibbiltà ta' u l-aċċess għat-teknoloġijia u applikazzjonijiet tekniċi (eż. sistemi meteoroloġiċi, sistemi ta' twissija bikrija, sistemi

[6] *Kapaċità adattiva* hija l-abilità ta' sistemi, istituzzjonijiet, il-bnedmin, u organiżmi oħra biex jaġġustaw għal ħsara potenzjali, jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet, jew iwieġbu għall-konsegwenzi (IPCC).

ta' kontroll tal-għargħar) u l-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-użu tagħhom; il-potenzjal għall-innovazzjoni

Innota li kull fattur ta' kapaċità adattiva huwa **pożittiv**, jiġifieri dan jiddefinixxi l-**abilità kurrenti li wieħed jadatta** għall-impatti tat-tibdil fil-klima fil-livell settorjali, mhux in-nuqqas ta' kapaċità adattiva.

Meta tkun għażilt il-fatturi ta' kapaċità adattiva, ikklikkja l-buttuna "Issejvja". Din l-azzjoni se tagħlaq il-lista u turi t-**tabella ġġenerata awtomatikament ta' "Kapaċità adattiva".** Din it-tabella tiġi mimlija minn qabel bis-setturi vulnerabbli kollha, il-perikli klimatiċi rispettivi tagħhom u l-fatturi tal-kapaċità adattiva magħżulin hawn fuq. Fil-każ li tkun tixtieq tbiddel is-selezzjoni tiegħek, sempliċement erġa' lura għal-lista taħt "Pass 3: Agħżel il-fatturi ta' kapaċità adattiva".

Fit-tabella tal-"Kapaċità adattiva", inti meħtieġ tispeċifika l-**livell tal-kapaċità adattiva kurrenti** ta' kull fattur ta' kapaċità adattiva, billi tagħżel wieħed mill-valuri li ġejjin:

- Għolja = abilità għolja biex jaġġusta/jadatta għall-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima
- Moderata = abilità moderata biex jaġġusta/jadatta għall-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima
- Baxxa = abilità baxxa biex jaġġusta/jadatta għall-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima
- Mhux magħruf = mhux possibbli li dan jiġi definit

B'mod fakultattiv, inti tista' tispeċifika **indikatur tal-kapaċità adattiva**, flimkien mal-valur tal-unità u numeriku tiegħu, għal kull settur. Il-mudell jinkludi lista ta' kampjuni ta' indikaturi, disponibbli wkoll fl-Anness VI, li jistgħu jservu bħala eżempji u sorsi ta' ispirazzjoni. Alternattivament, inti tista' tikteb indikatur inti stess.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Kapaċità adattiva".

| Vulnerable sectors | Climate hazards | Adaptive capacity factors | Level | Indicator |
|---|---|---|---|---|
| Buildings | Heavy precipitation<br>Droughts & water scarcity | Access to services | High | |
| | | Socio-economic | High | |
| Energy | Heavy precipitation | Socio-economic | Moderate | |
| Waste | Heavy precipitation<br>Wild fires | Socio-economic | Moderate | |
| Agriculture & Forestry | Floods & sea level rise | Socio-economic | Low | |

## Gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli *(fakultattiv)*




L-ewwel, taħt **"Pass 4: Agħżel il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli"**, agħżel il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli l-aktar rilevanti għal kull periklu klimatiku mil-lista. Innota li l-perikli klimatiċi ewlenin, magħżulin preċedentement fil-Pass 1, jiġu mimlija għal-lest awtomatikament.

Billi din it-taqsima hija fakultattiva, inti tista' tiddeċiedi liema grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli se tagħżel. Jekk inti tikkunsidra l-gruppi tal-popolazzjoni kollha elenkati bħala vulnerabbli għal/affettwati minn periklu partikolari, tista' tagħżel l-opzjoni "*Kollha*".

Meta tkun għażilt il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli, ikklikkja l-buttuna "Issejvja". Din l-azzjoni se tagħlaq il-lista u turi t-**tabella ġġenerata awtomatikament ta' "Gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli"**. Din it-tabella fiha l-perikli klimatiċi ewlenin kollha u l-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli rispettivi magħżulin hawn fuq. L-ebda azzjoni oħra ma hi meħtieġa. Fil-każ li tkun tixtieq tbiddel is-selezzjoni tiegħek, sempliċement erġa' lura għal-lista taħt "Pass 4: Agħżel grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli".

L-immaġni t'hawn taħt turi eżempju ta' tabella kompluta ta' "Gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli".

| Climate hazard | Population group |
|---|---|
| Heavy precipitation | Women and girls |
| Heavy precipitation | All |
| Storms | Persons with disabilities |
| Wild fires | Persons with disabilities |

## Comments

Tista' tinkludi kummenti u noti dwar id-*data* rrapportata hawn fuq, f'forma ta' test ħieles (massimu ta' 700 karattru, inkluż l-ispazji).

## Informazzjoni addizzjonali rrapportata sa Jannar 2020 (mhux meħtieġa aktar aġġornamenti)

F'Jannar 2020 tnediet verżjoni riveduta ta' *MyCovenant*. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, parti mid-*data* rrapportata qabel, l-aktar fil-forma ta' test ħieles, m'għadhiex meħtieġa (eż. il-valutazzjoni tal-opzjonijiet ta' adattament, l-istrateġija fil-każ ta' avvenimenti estremi). Sabiex din l-informazzjoni rrapportata qabel ma tintilifx, din ġiet inkluża taħt it-taqsima "Informazzjoni addizzjonali rrapportata sa Jannar 2020".

Din l-informazzjoni **tista' tinqara biss** u **mhux meħtieġ li tiġi aġġornata**. Għall-firmatarji li jirrapportaw għall-ewwel darba wara Jannar 2020, din it-taqsima se tkun vojta u mhux meħtieġ li tiġi mimlija.

## Tabella ta' valutazzjoni tal-adattament *(fakultattiva)*




B'mod fakultattiv, qabel tibda timla l-RVA, huwa possibbli li tispeċifika l-istatus tal-awtorità lokali tiegħek fil-proċess ta' adattament. Dan jista' jsir permezz tat-**Tabella ta' valutazzjoni tal-adattament**, li tipprovdi lista ta' kontroll għall-awtovalutazzjoni. Din issegwi l-passi fiċ-ċiklu ta' adattament, kif deskritt fl-**Għodda ta' Appoġġ għall-Adattament Urban**.

Għal kull pass fiċ-ċiklu ta' adattament, speċifika l-istatus ta' awtokontroll tiegħek, billi tuża l-meded ta' perċentwali li ġejjin:

- 0-20% (D): Mhux mibdi jew se jibda
- 25-50% (D): Għaddej
- 50-75% (D): Żviluppat sew
- 75-100% (A): Huwa minn ta' quddiem

Kamp għall-"Kummenti" huwa disponibbli biex tinkludi noti u kummenti.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja".

# VIII. AZZJONIJIET

Din it-taqsima tal-mudell tipprovdi (i) **ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet kollha tiegħek** inklużi fil-pjan ta' azzjoni uffiċjali tiegħek u (ii) **dettalji għall-azzjonijiet rapportati**, inklużi l-azzjonijiet prinċipali tiegħek.

## Ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet tiegħi

Sabiex taċċessa l-ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet f' *MyCovenant* agħżel **L-azzjonijiet tiegħi** fis-Sezzjoni għar-rapportar u mbagħad agħżel **Ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet tiegħi.**




Se tkun meħtieġ tispeċifika l-**għadd totali ta' azzjonijiet għal kull settur ta' mitigazzjoni u adattament** inklużi fil-pjan ta' azzjoni uffiċjali tiegħek - jiġifieri l-pjan adottat mill-korp għat-teħid ta' deċiżjonijiet rispettiv tiegħek. Is-setturi ta' mitigazzjoni u adattament imniżżla huma identiċi għas-setturi fl-inventarju tal-emissjonijiet u t-taqsimiet tal-RVA f'*MyCovenant*.

Wara, kemm għall-azzjonijiet ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament, trid tindika l-**istatus tal-implimentazzjoni** (*lesta, għaddejja, posposta, mhux mibdija*), f'perċentwal (valuri approssimattivi). Għall-azzjonijiet ta' mitigazzjoni, trid tindika wkoll l-**istimi totali għall-iffrankar tal-enerġija, il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis ta' $CO_2$**.

Innota li l-figuri u perċentwali mitluba f'din it-taqsima huma **approssimattivi biss**. L-għan tagħhom huwa li tingħata ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni, filwaqt li jitqies li huma biss ftit mill-azzjonijiet ippjanati li huma rrapportati fid-dettall f'*MyCovenant*.

## Dettalji tal-azzjonijiet tiegħi

Sabiex tirrapporta l-azzjonijiet f'*MyCovenant* u tara/teditja d-dettalji tal-azzjonijiet irrapportati diġà, agħżel **L-azzjonijiet tiegħi** fis-Sezzjoni għar-rapportar u mbagħad agħżel **Dettalji tal-azzjonijiet tiegħi.**

Ma hemm l-ebda limitu għall-għadd ta' azzjonijiet li tista' tirrapporta f'*MyCovenant*. Huwa rakkomandat bil-qawwa, madankollu, li l-**azzjonijiet irrapportati jindirizzaw is-sorsi ewlenin ta' emissjonijiet u l-perikli klimatiċi jew is-setturi vulnerabbli** identifikati permezz tal-inventarju tal-

Sabiex **iżżid azzjoni ġdida,** trid tikklikkja l-buttuna "Żid azzjoni ġdida" fil-qiegħ tal-paġna (ara l-immaġni li jmiss).




L-immaġni t'hawn fuq tipprovdi ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet irrapportati f'*MyCovenant*. Minbarra li tara lista ta' informazzjoni bażika, bħal jekk azzjoni hijiex azzjoni prinċipali, l-oriġini tagħha, il-perjodu ta' żmien u l-istatus tal-implimentazzjoni, inti tista' tagħmel dan li ġej:

- **Iffiltra l-azzjonijiet** skont it-tip (mitigazzjoni, adattament, faqar enerġetiku).
- **Ara/ editja l-azzjonijiet irrapportati** (ara/editja l-azzjonijiet irrapportati) billi tikklikkja s-simbolu tal-"għajn" li jinsab wara t-titolu ta' kull azzjoni – dan se jiftaħ id-*data* kollha rrapportata qabel għall-azzjoni speċifika; wara l-editjar, tinsiex tikklikkja l-buttuni Save jew Save all.
- **Ħassar azzjonijiet** billi tikklikkja l-buttuna "X" fl-aħħar ta' kull azzjoni – tkun trid tikkonferma t-tħassir; innota li malli azzjoni tiġi mħassra, din ma tistax terġa' tiġi rkuprata.

## Azzjonijiet prinċipali

**"Azzjonijiet prinċipali"** huma azzjonjijiet li huma jew **għaddejjin jew kompluti.**

F'*MyCovenant* dawn huma mmarkati b'simbolu ta' "stilla"

Ir-**rekwiżiti minimi għall-azzjonijiet** irrapportati f'*MyCovenant* huma li ġejjin:

- Mill-inqas **3 azzjonijiet prinċipali** li jindirizzaw il-**mitigazzjoni**, li jridu jiġu rrapportati fi żmien sentejn.
- Mill-inqas **3 azzjonijiet prinċipali** li jindirizzaw l-**adattament**, li jridu jiġu rrapportati fi żmien 4 snin.
- Mill-inqas **azzjoni prinċipali waħda** li tindirizza l-**faqar enerġetiku**, li trid tiġi rrapportata fi żmien 4 snin.

L-azzjonijiet prinċipali huma ppubblikati fuq il-websajt tal-Patt tas-Sindki.

Hawn taħt hawn deskrizzjoni tad-*data* kollha li trid tiġi rrapportata għal kull azzjoni individwali.

## Informazzjoni ġenerali

- **Tip ta' azzjoni**: Indika jekk l-azzjoni titrattax il-mitigazzjoni biss jew l-adattament biss jew jekk hijiex azzjoni integrata, li tittratta diversi aspetti tal-enerġija/klima.

> Innota li għalissa l-**faqar enerġetiku** jista' jintagħżel biss **flimkien mal-mitigazzjoni u/jew l-adattament** u mhux waħdu.

Huma possibbli l-**kombinazzjonijiet għal azzjonijiet integrati** li ġejjin:

- Mitigazzjoni u adattament
- Mitigazzjoni u faqar enerġetiku
- Adattament u faqar enerġetiku
- Mitigazzjoni u adattament u faqar enerġetiku

> Meta **azzjoni prinċipali** waħda **tkopri aktar minn qasam wieħed** (eż. l-mitigazzjoni u l-adattament), din titqies li tissodisfa r-rekwiżiti minimi għall-azzjonijiet prinċipali kemm għal azzjonijiet ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament.

Id-deċiżjoni dwar jekk azzjoni tiġix irrapportata bħala azzjoni integrata, jew le, hija importanti għaliex skont din l-għażla *MyCovenant* se tiġġenera awtomatikament kampijiet tad-*data* addizzjonali, rispettivament dwar il-mitigazzjoni, l-adattament, u/jew il-faqar enerġetiku.

- **Titolu tal-azzjoni**: Speċifika titolu deskrittiv qasir għall-azzjoni tiegħek.
- **Din hija azzjoni prinċipali?**: Indika jekk din hijiex azzjoni prinċipali (jiġifieri jekk hijiex waħda għaddejja jew kompluta). Meta azzjoni tiġi mmarkata bħala azzjoni prinċipali, se jiġu ġġenerati diversi kampijiet addizzjonali u xi kampijiet se jkunu obbligatorji
- **Oriġini tal-azzjoni**: Agħżel jekk l-azzjoni inbditx minn waħda minn dawn li ġejjin: *l-awtorità lokali; koordinatur jew partitarju tal-Patt; entità nazzjonali; entità reġjonali; oriġini mħallta; oħra*.
- **Korp responsabbli**: Speċifika l-korp responsabbli għall-azzjoni, eż. id-dipartiment speċifiku fil-muniċipalità; l-isem tal-koordinatur/partitarju tal-Patt; l-isem tal-ministeru nazzjonali; l-aġenzija reġjonali, eċċ.
- **Deskrizzjoni fil-qosor tal-azzjoni**: Speċifika n-natura tal-azzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u kull informazzjoni li tista' tgħin biex wieħed jifhem sew l-azzjoni. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Indirizz tal-websajt/ Link tal-vidjo / Stampa tal-azzjoni**: Ipprovdi link għal aktar riżorsi ta' informazzjoni/vidjos relatati mal-azzjoni, jekk hemm, u/jew tella' immaġni.
- **Bidu / tmiem tal-implimentazzjoni**: Agħżel is-sena li fiha l-azzjoni bdiet/hija ppjanata li tibda u s-sena li fiha intemmet/hija ppjanata li tintemm.
- **Status tal-implimentazzjoni**: Agħżel jekk l-azzjoni hijiex *kompluta; mhux mibdija; kanċellata; għaddejja.*
- **Partijiet interessati tal-azzjoni**: Agħżel il-partijiet interessati kollha rilevanti involuti fl-azzjoni. Inkludi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fil-kaxxa tal-kummenti. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.

## Finanzjament tal-azzjoni

- **Kost totali tal-implimentazzjoni**: Speċifika l-kost totali (ippjanat) tal-implimentazzjoni għall-azzjoni f'Euro. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Sors tal-finanzjament**: Agħżel is-sors(i) ta' finanzjament minn dawn li ġejjin (aktar minn għażla waħda hija possibbli): *ir-riżorsi proprja tal-awtorità lokali; fondi u programmi reġjonali; fondi u programmi nazzjonali; fondi u programmi tal-UE; sħubiji pubbliċi-privati; sħubiji privati (eż. kombinazzjoni ta' investimenti privati); oħrajn*.
- **Investment cost** (kost tal-investiment): Speċifika l-kost tal-investiment (il-kost tal-investiment addizzjonali marbut mat-titjib tal-effiċjenza jew it-tnaqqis ta' $CO_2$) f'Euro.
- **Kost mhux tal-investiment**: Speċifika l-kost tal-investiment (mhux relatat mal-finanzjament tal-miżura, iżda relatat mal-kostijiet imġarrba biex oġġett jinżamm f'kundizzjoni tajba u/jew jaħdem sew) f'Euro.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Dettalji tal-azzjoni ta' mitigazzjoni

*Id-dettalji tal-azzjoni ta' mitigazzjoni se jidhru biss jekk tkun għażilt "Mitigazzjoni" taħt "Tip ta' azzjoni" hawn fuq.*

Għal konformità mar-rekwiżiti minimi, **mill-inqas tliet azzjonijiet ta' mitigazzjoni prinċipali** jridu jiġu rapportati fi żmien sentejn minn meta tingħaqad mal-inizjattiva. Barra dan, l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jridu jkopru mill-inqas **tnejn mit-tliet setturi ta' mitigazzjoni prinċipali** magħżulin fl-inventarju tal-emissjonijiet.

- **Settur**: Agħżel is-settur indirizzat mill-azzjoni. Il-lista tas-setturi hija identika għas-setturi fl-Inventarju tal-Emissjonijiet. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Għodda/Qasam ta' intervent**: Meta tagħżel settur, dan il-kamp se jiġi ġġenerat awtomatikament. Agħżel l-għodda/qasam ta' intervent l-aktar rilevanti għas-settur magħżul.
- **Qasam ta' azzjoni**: Meta tagħżel settur, dan il-kamp se jiġi ġġenerat awtomatikament. Agħżel il-qasam ta' azzjoni l-aktar rilevanti għas-settur magħżul.
- **Iffrankar ta' enerġija**: Speċifika l-iffrankar ta' enerġija minn din l-azzjoni f'MWh/sena. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli**: Speċifika l-enerġija rinnovabbli prodotta minn din l-azzjoni f'MWh/sena. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Tnaqqis ta' $CO_2$**: Speċifika t-tnaqqis ta' $CO_2$ minn din l-azzjoni f't $CO_2$/ sena. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira**: Agħżel il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira permezz ta' din l-azzjoni (aktar minn għażla waħda hija possibbli).
- **Iffrankar finanzjarju**: Speċifika s-somma ta' enerġija fis-sena ffrankata multiplikata bil-prezz tal-enerġija, f'Euro.
- **Durata tal-azzjoni**: Speċifika l-għadd ta' snin li fuqhom l-azzjoni tiġġenera ffrankar ta' enerġija u emissjonijiet. Dan il-kamp jista' jvarja minn 1 sa 35 sena.
- **Redditu fuq l-investiment**: Speċifika l-gwadann jew it-telf iġġenerat fuq investiment relattiv għall-ammont ta' flus investiti, bħala perċentwal. L-iffrankar finanzjarju skontat mistenni nieqes l-investiment skontat /diviż bl-investiment skontat * 100.
- **Impjiegi maħluqin**: Speċifika l-għadd ta' impjiegi ġodda diretti maħluqin, f'ekwivalenti għal full-time.
- **Figuri oħrajn**: Uża dawn il-kampijiet biex tispeċifika kwalunkwe figuri rilevanti oħrajn, eż. d-daqs tal-bini f'$m^2$, it-tul ta' mogħdija għar-roti f'km, eċċ.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Dettalji tal-azzjoni ta' adattament

*Id-dettalji tal-azzjoni ta' adattament se jidhru biss jekk tkun għażilt "Adattament" taħt "Tip ta' azzjoni" hawn fuq.*

Għal konformità mar-rekwiżiti minimi, **mill-inqas tliet azzjonijiet ta' adattament prinċipali** jridu jiġu rapportati fi żmien erba' snin minn meta tingħaqad mal-inizjattiva.
Huwa rakkomandat bil-qawwa li l-azzjonijiet ta' adattament jindirizzaw il-**perikli klimatiċi u s-setturi vulnerabbli l-aktar rilevanti** identifikati fl-RVA.

- **Periklu/i klimatiċi indirizzati**: Agħżel il-perikli klimatiċi indirizzati mill-azzjoni. Il-lista ta' perikli klimatiċi hija identika għall-perikli klimatiċi fl-RVA. Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Settur(i)**: Agħżel is-settur(i) indirizzat(i) mill-azzjoni (aktar minn għażla waħda hija possibbli). Il-lista tas-setturi hija identika għas-setturi fl-RVA.
- **Riżultat(i) milħuq(a) /Indikatur**: Speċifika r-riżultat(i) ewlenin tal-azzjoni. Fil-każ li għad mhemmx, speċifika r-riżultati mistennija. Speċifika indikatur għar-riżultat l-aktar sinifikanti, inkluż il-valur tiegħu, u l-unità assoċjata. Innota li l-kamp "Riżultati milħuqa" huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.
- **Grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira**: Agħżel il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira permezz ta' din l-azzjoni (aktar minn għażla waħda hija possibbli).
- **Kost evitat**: Speċifika l-kostijiet tal-ħsara approssimattivi (mistennija) evitati jew il-benefiċċji akkumulati wara l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' adattament, f'Euro.
- **Durata**: Speċifika l-għadd ta' snin li fuqhom l-azzjoni tgħin tevita l-kostijiet.
- **Redditur fuq l-investiment**: Speċifika l-proporzjon ta' flus iggwadanjati jew mitlufa fuq l-investiment relattivi għall-ammont investit, bħala perċentwal. L-iffrankar finanzjarju skontat mistenni nieqes l-investiment skontat /diviż bl-investiment skontat *100.
- **Impjiegi maħluqin**: Speċifika l-għadd ta' impjiegi ġodda diretti maħluqin, f'ekwivalenti għal full-time.
- **Figuri oħrajn**: Uża dawn il-kampijiet biex tispeċifika figuri oħra rilevanti.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna "Issejvja¨.

## Dettalji tal-azzjoni dwar il-faqar enerġetiku

*Id-Dettalji dwar il-faqar enerġetiku se jidhru biss jekk tkun għażilt "Faqar enerġetiku taħt "Tip ta' azzjoni" hawn fuq.*

Għal konformità mar-rekwiżiti minimi, **mill-inqas azzjoni waħda dwar il-faqar enerġitiku** trid tiġi rapportata fi żmien erba' snin minn meta tingħaqad mal-inizjattiva.
Innota li għalissa l-**faqar enerġetiku jista' jintagħżel biss flimkien** mal-mitigazzjoni u/jew l-adattament, u mhux waħdu.

- **Grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira**: Agħżel il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira permezz ta' din l-azzjoni (aktar minn għażla waħda hija possibbli). Innota li dan il-kamp huwa **obbligatorju għall-azzjonijiet prinċipali**.

- **Riżultat(i) milħuq(a) / Indikatur**: Speċifika r-riżultat(i) ewlenin tal-azzjoni. Fil-każ li għad mhemmx, speċifika r-riżultati mistennija. Speċifika indikatur għar-riżultat l-aktar sinifikanti, inkluż il-valur tiegħu, u l-unità assoċjata.

Malli tkun kompluta, ikklikkja l-buttuna “Issejvja”. Alternattivament, ikklikkja l-buttuna “Issejvja kollox” biex tissejvja t-taqsimiet individwali kollha tat-tab tal-azzjoni (dettalji tal-azzjoni, finanzjament, mitigazzjoni, adattament, faqar enerġetiku).

# ANNESSI

## Anness I. Setturi tal-mitigazzjoni

| Settur | Deskrizzjoni |
|---|---|
| **Bini, tagħmir/faċilitajiet muniċipali** | |
| Bini, tagħmir/faċilitajiet muniċipali | Bini u faċilitajiet fis-sjieda tal-awtorità lokali. Faċilitajiet jirreferu għal entitajiet li jikkonsmaw l-enerġija li mhumiex bini, bħal impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. |
| Dwal pubbliċi | Id-dwal pubbliċi li huma fis-sjieda ta' jew imħaddma mill-awtorità lokali (eż. id-dwal tat-toroq u d-dwal tat-traffiku). Dwal pubbliċi mhux muniċipali huma inklużi fis-settur ta' "Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarji". |
| **Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarji (mhux muniċipali)** | |
| Bini, tagħmir/faċilitajiet terzjarji (mhux muniċipali) | Bini u faċilitajiet tas-settur terzjarju (servizzi), pereżempju uffiċċji ta' kumpaniji privati, banek, attivitajiet kummerċjali u tal-bejgħ bl-imnut, sptarijiet, eċċ. |
| Bini istituzzjonali | Bini pubbliku (mhux muniċipali) bħal skejjel, sptarijiet, uffiċċji tal-gvern, faċilitajiet tal-ilma/skart/ilma mormi ta' proprjetà pubblika, faċilitajiet oħrajn, eċċ. |
| **Bini residenzjali** | |
| Bini residenzjali | Bini li jintuża primarjament bħala bini residenzjali. L-akkomodazzjoni soċjali għandha tiġi inkluża f'dan is-settur. |
| **Industriji** | |
| Mhux ETS | Jirreferi għall-industriji tal-manifattura u tal-kostruzzjoni mhux koperti fl-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU-ETS). |
| ETS | Jirreferi għall-industriji tal-manifattura u tal-kostruzzjoni koperti fl-EU-ETS. L-integrazzjoni tagħhom fl-inventarji tal-emissjonijiet mhux rakkomandat, sakemm impjanti bħal dawn ma kinux inklużi fi pjani tal-enerġija u inventarji tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ preċedenti tal-awtorità lokali. |
| Oħrajn | Bini, faċilitajiet u makkinarju tas-settur primarju (agrikoltura, forestrija u sajd), pereżempju serer, faċilitajiet tal-bhejjem, sistemi ta' irrigazzjoni, makkinarju tar-razzett u dgħajjes tas-sajd. |
| **Trasport** | |
| Flotta muniċipali | Vetturi fis-sjieda ta' u użati mill-amministrazzjoni tal-awtorità lokali. |
| Trasport pubbliku | Karozzi tal-linja, trammijiet, metro, trasport ferrovjarju urban u laneċ lokali użati għat-trasport tal-passiġġieri. |
| Trasport privat u kummerċjali | Trasport fit-triq, ferrovjarju u bid-dgħajjes fit-territorju tal-awtorità lokali li jirreferi għat-trasport ta' persuni u merkanzija mhux speċifikat hawn fuq (eż. karozzi tal-passiġġieri privati u trasport ta' merkanzija). |

## Anness II. Setturi mhux relatati mal-enerġija

| Settur | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Ġestjoni tal-iskart | Jirreferi għall-emissjonijiet mhux relatati mal-konsum tal-enerġija, bħal $CH_4$ mil-landfills. |
| Ġestjoni tal-ilma mormi | Jirreferi għall-emissjonijiet mhux relatati mal-konsum tal-enerġija, bħal $CH_4$ u $N_2O$ minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. |
| Oħrajn mhux relatati mal-enerġija | Jirreferi għal kwalunkwe settur ieħor mhux relatat mal-enerġija. Huma permessi numri negattivi f'din iċ-ċellola, jekk teħtieġ tirrapporta tnaqqis fl-emissjonijiet miksuba, pereżempju, permezz ta' infrastrutturi ekoloġiċi (mhux rakkomandat għall-ksib tal-mira ta' tnaqqis minima ta' 20% u rakkomandat biss jekk għandek metodoloġija speċifika u *data* għall-kejl tat-tibdil fil-ħażna tal-karbonju kollu fit-territorju). |

## Anness III. Glossarju tat-termini ta' adattament ewlenin

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Adattament | Il-proċess ta' adattament għall-klima attwali jew mistennija u l-effetti tagħha.<br>Fis-sistemi tal-bniedem, l-adattament ifittex li jimmodera jew jevita l-ħsara jew li jisfrutta opportunitajiet ta' benefiċċju. F'xi sistemi naturali, l-intervent tal-bniedem jista' jiffaċilita l-aġġustament għall-klima mistennija u l-effetti tagħha (IPCC) |
| Valutazzjoni tar-riskju u l-vulnerabilità (RVA) | Tiddetermina n-natura u l-livell tar-riskju billi tanalizza l-perikli potenzjali u tivvaluta l-vulnerabilità li tista' timponi theddida potenzjali jew ħsara lil nies, proprjetà, l-għajxien u l-ambjent li jiddependu fuqu (UNDRR) |
| Riskju | Il-potenzjal għal konsegwenzi fejn xi ħaġa ta' valur hija involuta u fejn ir-riżultat huwa inċert, filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità ta' valuri. Ir-riskju ħafna drabi huwa rappreżentat bħala l-probabbiltà jew il-possibbiltà tal-okkorrenza ta' avvenimenti jew xejriet perikolużi multiplikata bl-impatti jekk dawn l-avvenimenti jew xejriet iseħħu. Ir-riskju jirriżulta mill-interazzjoni tal-vulnerabilità, l-esponiment u l-periklu. It-terminu riskju jintuża primarjament biex jirreferi għar-riskji tal-impatti tat-tibdil fil-klima (IPCC) |
| Periklu klimatiku | L-okkorrenza potenzjali ta' avveniment fiżiku, xejra jew impatt fiżiku naturali jew ikkawżat mill-bniedem li jista' jikkawża telf ta' ħajja, korriment, jew impatti oħra fuq is-saħħa, kif ukoll ħsara lil u telf ta' proprjetà, infrastruttura, l-għajxien, il-provvista ta' servizzi, ekosistemi, u riżorsi ambjentali. F'dan ir-rapport, it-terminu periklu normalment jirreferi għal avvenimenti jew xejriet fiżiċi relatati mal-klima jew l-impatti fiżiċi tagħhom (IPCC) |
| Vulnerabilità | Il-propensità jew il-predispożizzjoni li wieħed jiġi affettwat ħażin. Il-vulnerabilità tinkludi varjetà ta' kunċetti u elementi inkluża s-sensittività jew is-suxxettibbiltà għal ħsara u n-nuqqas ta' kapaċità biex tlaħħaq u tadatta (IPCC) |
| Kapaċità adattiva | L-abilità tas-sistemi, l-istituzzjonijiet, il-bnedmin, u organiżmi oħra biex jaġġustaw għal ħsara potenzjali, biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet, jew biex iwieġbu għall-konsegwenzi (IPCC) |
| Esponiment | Il-preżenza ta' persuni, għajxien, speċijiet jew ekosistemi, funzjonijiet, servizzi, u riżorsi ambjentali, infrastruttura jew assi ekonomiċi, soċjali, jew kulturali f'postijiet u ambjenti li jistgħu jiġu affettwati ħażin (IPCC) |
| Sensittività | Il-livell sa fejn sistema jew speċi tiġi affettwata, jew ħażin jew inkella tajjeb, permezz tal-varjabbiltà jew tibdil fil-klima. L-effett jista' jkun dirett (eż. bidla fir-rendiment tal-għelejjel bħala rispons għal bidla fil-medja, il-firxa, jew il-varjabbiltà tat-temperatura), jew indiretta (eż. ħsarat ikkawżati minn żieda fil-frekwenza ta' għargħar fil-kosta minħabba ż-żieda fil-livell tal-baħar) (IPCC) |
| Impatt | L-effetti tat-temp u avvenimenti klimatiċi estremi u tat-tibdil fil-klima fuq is-sistemi tal-bniedem u naturali, eż. fuq il-ħajjiet, l-għajxien, is-saħħa, l-ekosistemi, l-ekonomiji, is-soċjetajiet, il-kulturi, is-servizzi u l-infrastruttura minħabba l-interazzjoni tat-tibdil fil-klima jew avvenimenti klimatiċi perikolużi li jseħħu f'perjodu ta' żmien speċifiku u l-vulnerabilità ta' soċjetà jew sistema esposta (IPCC) |
| Strateġija ta' adattament | Tiddeskrivi l-viżjoni tal-awtorità lokali għal futur iktar reżiljenti għall-klima, tispeċifika l-oqsma ta' azzjoni prijoritarji kif ukoll il-mekkaniżmi għall-partijiet interessati involuti, il-mobilizzazzjoni ta' fondi u riżorsi, il-monitoraġġ u reviżjoni kontinwi. |
| Azzjonijiet (jew miżuri) ta' adattament | Teknoloġiji, proċessi, u attivitajiet diretti lejn it-titjib tal-kapaċità tagħna li nadattaw (il-bini tal-kapaċità adattiva) u li nnaqqsu, naġġustaw għal u nieħdu vantaġġ mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima (twassil tal-adattament). |

## Anness IV. Perikli klimatiċi

Il-perikli ewlenin huwa f'**ittri grassi** u l-perikli sekondarji huma fil-*korsiv.*

| Periklu klimatiku | Definizzjoni |
|---|---|
| **Sħana estrema** | Tisħin sinifikanti tal-arja jew l-invażjoni ta' arja sħuna ħafna, fuq żona kbira, li ddum minn ftit jiem għal ftit ġimgħat (WMO) |
| **Kesħa estrema** | Tkessiħ sinifikanti tal-arja jew l-invażjoni ta' arja kiesħa ħafna, fuq żona kbira (WMO) |
| **Xita qawwija** | Avveniment ta' xita sinifikanti li jseħħ matul perjodu ta' siegħa, 3 sigħat, 6 sigħat, 12-il siegħa, 24 siegħa jew 48 siegħa b'xita totali li taqbeż ċertu livell limitu definit għal post partikolari (WMO) |
| *Maltempata kbira* | Xita b'rata ta' akkumulazzjoni li taqbeż valur speċifiku (eż. 7.6 mm) jew xita ikbar minn jew ugwali għal 50 mm fl-aħħar 24 siegħa (WMO) |
| *Borra qawwija* | Disturb meteoroloġiku li jwassal biex tinżel ħafna borra, ħafna drabi akkumpanjata minn riħ qawwi jew preċipitazzjoni ta' borra li hija ikbar minn jew ugwali għal 50 mm fl-aħħar 24 siegħa (WMO) |
| *Ċpar* | Sospensjoni ta' qtar tal-ilma żgħar ħafna, normalment mikroskopiċi fl-arja, li ġeneralment inaqqsu l-viżibbiltà orizzontali fil-wiċċ tad-Dinja għal inqas minn 1 km (WHO) |
| *Silġ* | Preċipitazzjoni ta' partiċelli tas-silġ trasparenti, jew parzjalment jew kompletament opakki b'dijametru ġeneralment bejn 5 u 50 mm, li jaqgħu minn sħaba separatament jew agglomerati f'ċapep irregolari (WMO) |
| **Għargħar u żieda fil-livell tal-baħar** | Meta l-konfini normali ta' nixxiegħa jew korp ieħor tal-ilma jfuru, jew il-livell tal-baħar jew lag jogħla temporanjament u jirriżulta fl-inondazzjoni ta' art niexfa (WMO, IPCC) |
| *Għargħar f'daqqa / tal-wiċċ* | Xita tqila jew eċċessiva f'perjodu ta' żmien qasir li tipproduċi skular immedjat, u toħloq kundizzjonijiet ta' għargħar fi żmien minuti jew ftit sigħat waqt jew wara x-xita (WMO) |
| *Għargħar ta' xmara* | Għargħar li jseħħ fuq firxa wiesgħa ta' sistemi ta' xmajjar u baċiri tal-iskular, fuq pjanuri tal-għargħar jew żoni li jiġu mgħarrqa meta tfur xmara (*wash lands*) bħala riżultat ta' fluss li jaqbeż il-kapaċità tal-kanali tax-xmajra u jfur fuq ix-xtut naturali jew l-imbankmenti artifiċjali, magħruf ukoll bħala għargħar "fluvjali" (WMO) |
| *Għargħar tal-kosta* | Livelli tal-ilma ogħla min-normal mal-kosta kkawżati minn bidliet fil-marea jew maltempati bir-ragħad li jirriżultaw f'għargħar, li jistgħu jdumu minn jiem għal ġimgħat (WMO) |
| *Għargħar mill-ilma ta' taħt l-art* | Il-ħruġ tal-ilma ta' taħt l-art għall-wiċċ 'il bogħod mill-kanali perenni tax-xmara jew it-tlugħ tal-ilma ta' taħt l-art fl-art magħmula mill-bniedem, taħt kundizzjonijiet fejn il-meded "normali" tal-livell tal-ilma ta' taħt l-art u l-fluss tal-ilma ta' taħt l-art jinqabżu (WMO) |
| *Inondazzjoni permanenti* | Art li tiġi miksija kompletament bl-ilma (WHO) |
| **Nixfa u skarsità ta' ilma** | Perjodu ta' temp ta' nixfa mhux normali li huwa twil biżżejjed biex jikkawża żbilanċ idroloġiku serju li jista' jirriżulta fi żbilanċi tal-ilma fit-tul u insuffiċjenza tar-' riżorsi tal-ilma biex jissodisfaw il-ħtiġijiet medji fit-tul (IPCC, EEA) |
| **Maltempati** | Disturb atmosferiku li jista' jimmanifesta f'irjieħ qawwijin u jkun akkumpanjat minn xita, borra, jew preċipitazzjoni oħra u mir-ragħad u s-sajjetti (WMO) |
| *Riħ qawwi ħafna* | Differenzi fil-pressjoni tal-arja li jirriżultaw f'moviment orizzontali tal-arja, fejn aktar ma tkun kbira d-differenza fil-pressjoni, aktar ikun qawwi r-riħ. Is-severità tal-avvenimenti tar-riħ tiddependi fuq il-post (WMO) |
| *Tromba tal-arja* | Maltempata vjolenti li ddur ta' dijametru żgħir prodotta f'maltempata bir-ragħad severa ħafna, li tidher bħala sħaba forma ta' lenbut li testendi mill-bażi ta' cumulonimbus sal-art (WMO) |
| *Ċiklun (uragan/tifun)* | Jifforma fuq ilmijiet tropikali jew subtropikali, għandu ċentru ta' pressjoni baxxa, faxex ta' xita spirali u rjieħ qawwijin. Skont il-post: uragani (l-Atlantiku, il-Grigal tal-Paċifiku), tifuni (il-Majjistral tal-Paċifiku), ċikluni (in-Nofsinhar tal-Paċifiku u l-Oċean Indjan) (UNISDR) |
| *Maltempata* | Maltempata fuq skala kbira (1,000 km) fil-latitudnijiet tan-nofs jew għoljin bi pressjoni |

| | |
|---|---|
| *extratropikali* | ċentrali baxxa u fronts bi gradjenti orizzontali qawwijin fit-temperatura u l-umdità. Kawża ewlenija ta' veloċitajiet estremi tar-riħ u preċipitazzjoni qawwija b'mod speċjali fix-xitwa (IPCC) |
| *Maltempata tropikali* | Ċiklun tropikali bil-qalba sħuna organizzat sew li fih il-veloċità medja massima tar-riħ tal-wiċċ (medja ta' minuta) hija fil-medda ta' 63-117 km/siegħa (WMO) |
| *Mareġġata* | Żieda temporanja fl-għoli tal-baħar minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi (pressjoni atmosferika baxxa u/jew irjieħ qawwijin) (IPCC) |
| *Beraq / maltempata bir-ragħad* | Skariki elettriċi f'daqqa manifestati minn beraq u ħoss qawwi jew resonanti (ragħad) |
| **Ċaqliq ta' massa** | Kull tip ta' ċaqliq 'l isfel ta' terrapien jew ħamrija (UNISDR) |
| *Uqigħ tal-art* | Massa ta' materjal li tista' tiċċaqlaq 'l isfel bil-gravità, ħafna drabi assistita mill-ilma meta l-materjal ikun saturat. Il-moviment ta' ħamrija, blat jew debris tul niżla jista' jseħħ rapidament, jew jista' jinvolvi twaqqigħ gradwali u bil-mod (WMO) |
| *Valanga* | Massa ta' borra u silġ li taqa' f'daqqa waħda minn wiċċ ta' muntanja u ħafna drabi ġġorr magħha ħamrija, blat u mazkan ta' kull deskrizzjoni (WMO) |
| *Twaqqigħ ta' blat* | Il-moviment 'l isfel f'daqqa u rapidu ħafna ta' massa ta' blat u ħamrija mħallta minħabba xita qawwija jew meta l-borra/silġ idub malajr (UNISDR) |
| *Ċediment tal-art* | Ċediment tal-art minħabba t-tneħħija tal-ilma ta' taħt l-art, tħaffir ta' minjieri, tidwib ta' ġebel tal-ġir, l-estrazzjoni ta' gass naturali, terremoti (UNISDR) |
| **Nirien mhux ikkontrollati** | Kull kombustjoni jew ħruq mhux ikkontrollat u mhux previst ta' pjanti f'ambjent naturali bħal foresta, bur, xagħri, jew tundra, li jikkonsma l-fjuwils naturali u jinfirex skont il-kundizzjonijiet ambjentali (UNISDR) |
| *Nirien fil-foresta* | Nirien mhux ikkontrollati f'żona tal-foresta/bis-siġar (UNISDR) |
| *Nar tal-art* | Nar mhux ikkontrollat f'żona mingħajr siġar bħal art bl-arbuxelli, bur, xagħri jew mergħa |
| **Perikli bijoloġiċi** | Esponiment għal organiżmi ħajjin u s-sustanzi tossiċi tagħhom jew mard li jinġarr minn vettur li dawn jistgħu jġorru; eżempji ta' dawn huma annimali selvaġġi u insetti velenużi, pjanti velenużi, nemus li jġorr aġenti li jikkawżaw il-mard (UNISDR) |
| *Mard li jittieħed mill-ilma* | Kundizzjonijiet ikkawżati minn mikroorganiżmi patoġeniċi li huma trażmessi fl-ilma |
| *Mard li jinġarr minn vettur* | Infezzjonijiet trażmessi mill-gidma ta' speċijiet artropodi infettati, bħal nemus, qurdien, baqq u dubbien meta l-okkorrenza mifruxa u s-sensittività tagħhom hija minħabba fatturi klimatiċi (JRC) |
| *Mard li jittieħed mill-arja* | Kundizzjonijiet ikkawżati minn patoġeni li jistgħu jiġu trażmessi mill-arja |
| *Infestazzjoni ta' insetti* | L-influss mifrux, miġemgħa u/jew tifqis ta' insetti li jaffettwaw il-bnedmin, annimali, għelejjel, u prodotti li jitħassru malajr (UNISDR) |
| **Bidliet kimiċi** | Bidliet fil-kompożizzjoni kimika normali tal-arja, l-ilma, il-ħamrija, eż. bidla fil-konċentrazzjonijiet atmosferiċi ta' CO2, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-intrużjoni tal-ilma baħar |
| *Intrużjoni tal-ilma baħar* | It-taħlit ta' ilma baħar mal-ilma ħelu li jista' jseħħ fil-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art (OECD) |
| *Aċidifikazzjoni tal-oċeani* | Tnaqqis fil-pH tal-oċean fuq perjodu estiż, tipikament deċenji jew iktar, li huwa kkawżat primarjament mit-teħid ta' diossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-atmosfera, iżda jista' jkun ikkawżat ukoll minn żidiet jew tnaqqis ta' kimiki oħra mill-oċean (IPCC) |
| *Konċentrazzjoni ta' CO2 fl-atmosfera* | Il-konċentrazzjoni ta' diossidu tal-karbonju (CO2) li tikkawża l-istess sfurzar radjattiv bħal taħlita speċifika ta' $CO_2$ u komponenti oħra ta' sfurzar Dawn il-valuri jistgħu jikkunsidraw biss il-gassijiet serra (GHGs) jew kombinazzjoni ta' GHGs, ajrusols u tibdil fl-albedu tal-wiċċ (IPCC) |

## Anness V. Setturi tal-adattament

| Settur | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Bini | Jirreferi għal kull struttura jew gruppi ta' strutturi (muniċipali/residenzjali/terzjarji, pubbliċi/privati), l-ispazji tal-madwar, mibnija jew imwaqqfin b'mod permanenti fuq is-sit tagħha |
| Trasport | Jinkludi n-netwerks tat-trasport tat-triq, ferrovjarji, tal-ajru u tal-ilma u l-infrastruttura relatata (eż. toroq, pontijiet, hubs, mini, portijiet u ajruporti). Dan jinkludi firxa estensiva ta' assi u servizzi pubbliċi u privati u jeskludi l-bastimenti u l-vetturi kollha relatati (kif ukoll il-partijiet u l-proċessi relatati) |
| Enerġija | Jirreferi għas-servizz ta' provvista ta' enerġija u l-infrastruttura relatata (ġenerazzjoni, trażmissjoni u netwerks tad-distribuzzjoni, it-tipi kollha ta' enerġija). Jinkludi faħam, żejt mhux maħdum, likwidi tal-gass naturali, materja prima tar-raffineriji, addittivi, prodotti tal-petroleum, gassijiet, karburanti rinnovabbli u skart kombustibbli, elettriku u sħana |
| Ilma | Jirreferi għas-servizz tal-provvista tal-ilma u l-infrastruttura relatata. Dan ikopri wkoll l-użu tal-ilma (eż. mid-djar, l-industrija, il-produzzjoni tal-enerġija, l-agrikoltura, eċċ) u s-sistema tal-ġestjoni tal-ilma (mormi, tax-xita) li tinkludi d-drenaġġ, is-sistemi ta' skular u trattament (jiġifieri l-proċess biex l-ilma mormi jsir jikkonforma mal-istandards ambjentali jew standards oħra ta' kwalità, kif ukoll biex ilaħħaq max-xita eċċessiva jew l-ilma tal-maltemp) |
| Skart | Jinkludi attivitajiet relatati mal-ġestjoni (inkluż il-ġbir, it-trattament u r-rimi) ta' forom differenti ta' skart, bħal skart industrijali jew domestiku solidu jew mhux solidu, kif ukoll siti kontaminati |
| Ippjanar tal-użu tal-art | Proċess imwettaq mill-awtoritajiet pubbliċi biex jidentifikaw, jevalwaw u jiddeċiedu dwar għażliet differenti għall-użu tal-art, inkluż li jqiesu l-objettivi fit-tul ekonomiċi, soċjali u ambjentali u l-implikazzjonijiet għal komunitajiet u gruppi ta' interess differenti, u l-formulazzjoni u l-promulgazzjoni sussegwenti ta' pjani jew regolamenti li jiddeskrivu l-użi permessi jew aċċettabbli |
| Agrikoltura u forestrija | Jinkludi art klassifikata / deżinjata biex tintuża għall-agrikoltura u l-forestrja, kif ukoll organizzazzjonijiet u industriji konnessi mal-ħolqien u l-produzzjoni ġewwa u madwar il-konfini tal-muniċipalità. Dan jinkludi t-trobbija tal-annimali, l-akkwakultura, l-agroforestrija, it-trobbija tan-naħal, l-ortikoltura u l-ġestjoni u servizzi oħra tal-agrikoltura u l-forestrija fiż-żona |
| Ambjent u bijodiversità | L-ambjent jirreferi għal pajsaġġi ħodor u blu, il-kwalità tal-arja, inklużi ż-żoni periferiċi urbani.<br>Il-bijodiversità tirreferi għall-varjetà ta' ħajja f'reġjun speċifiku, li titkejjel bħala l-varjetà fl-ispeċijiet, bejn l-ispeċijiet, u l-varjetà ta' ekosistemi |
| Saħħa | Jirreferi għad-distribuzzjoni ġeografika tad-dominanza ta' patoloġiji, informazzjoni li tindika l-effett fuq is-saħħa (bijomarkaturi, tnaqqis ta' fertilità, epidemiji) jew il-benesseri tal-bnedmin (għeja, stress, disturb ta' stress post-trawmatiku, mewt, eċċ) konnessi direttament (mewġ ta' sħana, nixfa, għargħar, eċċ) jew indirettament (kwalità u disponibbiltà ta' ilma, organiżmi modifikati ġenetikament, eċċ) mal-kwalità tal-ambjent. Dan jinkludi wkoll is-servizz tal-kura tas-saħħa u l-infrastruttura relatata (eż. sptarijiet) |
| Protezzjoni ċivili u emerġenza | Jirreferi għall-operazzjoni tas-servizzi tal-protezzjoni ċivili u tal-emerġenza minn jew f'isem l-awtoritajiet pubbliċi (eż. l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili, il-pulizija, il-pumpiera, is-servizzi tal-ambulanza, tal-paramediċi u tal-mediċina ta' emerġenza) u tinkludi t-tnaqqis u l-ġestjoni ta' riskji ta' diżastru lokali (jiġifieri l-bini tal-kapaċità, il-koordinazzjoni, it-tagħmir, l-ippjanar tal-emerġenzi, eċċ) |
| Turiżmu | Jirreferi għall-attivitajiet ta' persuni li jivvjaġġaw lejn u joqgħodu f'postijiet barra mill-ambjent normali tagħhom għal mhux iktar minn sena waħda konsekuttiva għal divertiment, negozju u skopijiet oħra mhux relatati mal-eżerċizzju ta' attività mħallsa minn ġewwa l-post li jżuru |
| Edukazzjoni | Jirreferi għal varjetà ta' fornituri edukattivi, skejjel, kulleġġi, universitajiet, organizzazzjonijiet, aġenziji, negozji jew forma ta' gvern nazzjonali, reġjonali jew lokali li għandhom il-ftehim, kuntratt, rwol, responsabbiltà u skop li jipprovdu forma ta' edukazzjoni lill-membri tal-pubbliku |
| ICT (Teknoloġiji tal- | Jirreferi għal tipi differenti ta' netwerks tal-komunikazzjonijiet u t-teknoloġiji użati |

| | |
|---|---|
| informazzjoni u l-komunikazzjoni) | fihom. Is-settur tal-ICT jikkombina l-industriji tal-manifattura u tas-servizzi li l-prodotti tagħhom jissodisfaw primarjament jew jippermettu l-funzjoni tal-ipproċessar u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni permezz ta’ mezzi elettroniċi, inkluż it-trażmissjoni u l-wiri |

## Anness VI. Kampjuni tal-indikaturi tal-adattament

| Indikaturi relatati mas-settur | | | |
|---|---|---|---|
| *ID#* | *Settur* | *Indikatur* | *Unità* |
| 1.1 | Bini | Numru jew perċentwal ta' bini (pubbliku/residenzjali/terzjarju) li jġarrab ħsara minn kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi | (kull sena / fuq ċertu perjodu) |
| 1.2 | Trasport, Enerġija, Ilma, Skart, ICT | Numru jew perċentwal ta' infrastruttura tat-trasport/enerġija/ilma/skart/ICT li ġġarrab ħsara minn kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi | (kull sena / fuq ċertu perjodu) |
| 1.3 | Ippjanar tal-Użu tal-Art | Perċentwal ta' żoni griżi/blu/ħodor affettwati minn kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi (eż l-effett ta' gżejjer ta' sħana, għargħar, twaqqigħ ta' blat u/jew uqigħ tal-art, nirien fil-foresti/tal-art) | % |
| 1.4 | Trasport, Enerġija, Ilma, Skart, Protezzjoni Ċivili u Emerġenza | Numru ta' ġranet b'interruzzjonijiet tas-servizzi pubbliċi (eż. il-provvista tal-enerġija/ilma, is-servizzi tas-saħħa/protezzjoni ċivili/emerġenza, l-iskart) | Nru |
| 1.5 | Trasport, Enerġija, Ilma, Skart, Protezzjoni Ċivili u Emerġenza | Tul medju (f'sigħat) tal-interruzzjonijiet tas-servizzi pubbliċi (eż. il-provvista tal-enerġija/ilma, it-traffiku tat-trasport pubbliku, is-servizzi tas-saħħa/protezzjoni ċivili/emerġenza) | sigħat |
| 1.6 | Saħħa | Numru ta' persuni korruti/evakwati/rilokati minħabba avveniment(i) ta' temp estrem (eż mewġ ta' sħana jew kesħa) | (kull sena / fuq ċertu perjodu) |
| 1.7 | Saħħa | Numru ta' mwiet relatati ma' avveniment(i) ta' temp estrem (eż. mewġ ta' sħana jew kesħa) | (kull sena / fuq ċertu perjodu) |
| 1.8 | Protezzjoni Ċivili u Emerġenza | Żmien medju għal rispons (f'min.) għall-pulizija/pumpiera/servizzi ta' emerġenza fil-każ ta' avvenimenti ta' temp estremi | min. |
| 1.9 | Saħħa | Numru ta' twissijiet dwar il-kwalità tal-ilma maħruġa | % |
| 1.10 | Saħħa | Numru ta' twissijiet dwar il-kwalità tal-arja maħruġa | Nru |
| 1.11 | Ambjent u Bijodiversità | Perċentwal ta' żoni affettwati minn erożjoni tal-ħamrija /degradazzjoni tal-kwalità tal-ħamrija | % |
| 1.12 | Ambjent u Bijodiversità | Perċentwal ta' telf ta' ħabitat minħabba avveniment(i) ta' temp estremi | % |
| 1.13 | Ambjent u Bijodiversità | Perċentwal ta' bidla fl-għadd ta' speċijiet nattivi | % |
| 1.14 | Ambjent u Bijodiversità | Perċentwal ta' speċijiet nattivi (ta' annimali/pjanti) affettwati minn mard relatat ma' kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi | % |
| 1.15 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' agrikoltura mitlufa minħabba kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi (eż. nixfa/skarsità ta' ilma, erożjoni tal-ħamrija) | % |
| 1.16 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' telf ta' bhejjem minħabba avveniment(i) ta' temp estremi | % |
| 1.17 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' bidla fir-rendiment tal-għelejjel /evoluzzjoni tal-produttività annwali tal-bwar | % |
| 1.18 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' bhejjem mitlufa minħabba pesti/patoġeni | % |
| 1.19 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' injam mitluf minħabba pesti/patoġeni | % |
| 1.20 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' bidla fil-kompożizzjoni tal-foresta | % |
| 1.21 | Agrikoltura u Forestrija | Perċentwal ta' bidla fl-astrazzjoni tal-ilma | % |
| 1.22 | Turiżmu | Perċentwal ta' bidla fil-flussi ta' turisti / attivitajiet tat-turiżmu | % |
| 1.23 | Oħrajn | Telf ekonomiku annwali dirett (eż. fis-setturi kummerċjali/agrikoli/industrijali/turistiċi) minħabba kundizzjonijiet/avvenimenti ta' temp estremi | €/sena |
| 1.24 | Oħrajn | Ammont annwali ta' kumpens riċevut (eż. mill-assigurazzjoni) | €/sena |

| Indikaturi relatati mal-kapaċità adattiva | | | |
|---|---|---|---|
| *ID#* | *Fattur ta' kapaċità adattiva* | *Indikatur* | *Unità* |
| 2.1 | Soċjoekonomiku | Perċentwal ta' fondi pubbliċi disponibbli biex jindirizzaw periklu klimatiku u l-impatti tiegħu (eż. nar, għargħar, mewġa ta' sħana, eċċ) | % |
| 2.2 | Soċjoekonomiku | Sehem perċentwali ta' gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli (eż anzjani (65+)/żgħażagħ (25-), djar ta' pensjonanti waħedhom, djar bi dħul baxx/qiegħda, migranti u persuni spostati) - mqabbla mal-medja nazzjonali f'sena X f'pajjiż X | % |
| 2.3 | Soċjoekonomiku | Numru ta' djar edukati fil-ġestjoni tal-enerġija/ilma/skart tad-dar | Nru |
| 2.4 | Soċjoekonomiku | Densità tal-popolazzjoni (mqabbla mal-medja nazzjonali/reġjonali f'sena X f'pajjiż/reġjun X) | Persuni kull $km^2$ |
| 2.5 | Soċjoekonomiku | Perċentwal tal-popolazzjoni li qed jgħixu f'żoni ta' riskju (eż. għargħar/nixfa/mewġa tas-sħana/ nirien fil-foresta jew tal-art) | % |
| 2.6 | Governattiv u istituzzjonali | Bidla perċentwali fl-infrastrutturi/żoni ħodor u blu (eż. permezz ta' regolamenti/politika tal-ippjanar urban ġodda) | % |
| 2.7 | Fiżiku u ambjentali | Tul tan-netwerk tat-trasport (eż. tat-triq/ferrovjarju) li jinsab f'żoni fir-riskju (eż. għargħar/nixfa/mewġa ta' sħana/ nirien fil-foresta jew tal-art) | Km |
| 2.8 | Fiżiku u ambjentali | Ħin medju meħtieġ biex tintlaħaq faċilità tas-saħħa | Sigħat |
| 2.9 | Fiżiku u ambjentali | Perċentwal ta' żoni li mhumiex aċċessibbli għal risponsi ta' emerġenza (eż. is-servizzi tat-tifi tan-nar) | % |
| 2.10 | Fiżiku u ambjentali | Perċentwal ta' żoni (eż. residenzjali/kummerċjali/agrikoli/industrijali/turistiċi) fir-riskju (eż. għargħar/nixfa/mewġa ta' sħana/nirien fil-foresta jew tal-art) | % |
| 2.11 | Għarfien u teknoloġija | Sigħat meħtieġa biex tinforma lill-popolazzjoni dwar riskju permezz ta' sistema ta' twissija bikrija | Sigħat |

## Anness VII. Fatturi ta’ Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku[7]

Kull sentejn, fil-kuntest tal-Patt tas-Sindki tal-UE u Globali għall-Klima u l-Enerġija, il-JRC jipprovdi aġġornament tal-fatturi ta’ emissjoni għall-kalkulazzjoni tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$ u ekwivalenti ta’ $CO_2$, iġġenerati mill-konsum tal-elettriku.

Is-sett tad-*data* JRC-COM-NEEFE jinkludi l-perjodi taż-żmien 1990-2015 tal-Fatturi ta’ Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku (NEEFE) għal kull pajjiż. Dan l-Anness huwa estratt tas-sett tad-*data* sħiħ u jinkludi biss il-pajjiżi tal-UE-28.

Il-metodoloġija u l-approċċ ġenerali użati huma l-istess bħal dawk użati fil-verżjonijiet preċedenti (Koffi et. al, 2017). L-NEEFE relatati mal-emissjonijiet indiretti mill-konsum tal-elettriku huma kkalkulati permezz tad-diviżjoni tal-emissjonijiet totali nazzjonali ta’ $CO_2$ minħabba l-produzzjoni tal-elettriku mit-trasportaturi tal-enerġija dieħla kollha bil-konsum totali finali tal-elettriku. Skont l-approċċ metodoloġiku segwit mill-awtoritajiet lokali (Bertoldi et. al, 2018), l-NEEFE ġew ikkalkulati bl-applikazzjoni ta’ żewġ approċċi differenti għat-trasportaturi tal-enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku: il-fatturi ta’ emissjoni “standard” tal-IPCC u tal-LCA (Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja). Id-*data* nazzjonali tal-AIE (Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija)[8] intużat għall-enerġija konsmata u l-elettriku prodott għal kull trasportatur tal-enerġija.

Tabella A tirrapporta l-NEEFE bl-użu tal-approċċ tal-IPCC u li jkopru l-emissjonijiet ta’ $CO_2$ ($tCO_2$/MWh). L-NEEFE, inklużi l-emissjonijiet ta’ $CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$ ($tCO_2eq$/MWh) huma pprovduti fit-Tabella B. Filwaqt li fit-Tabella Ċ hemm irrapportati l-NEEFE bl-użu tal-approċċ tal-LCA u li jkopru l-emissjonijiet ta’ $CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$ ($tCO_2eq$/MWh).

Il-GWPs (Potenzjal ta’ Tisħin Globali) użati fit-Tabella B u t-Tabella Ċ huma bbażati fuq ir-Raba’ Rapport ta’ Valutazzjoni tal-IPCC.

L-Anness ġie żviluppat mit-tim tal-JRC: E. Lo Vullo; M. Muntean; M. Duerr, A. Kona u P. Bertoldi.

[7] Din id-*data* hija parti mill-Kollezzjoni CoM tal-JRC li hija mistennija fl-2020 fuq il-Katalgu tad-*Data* tal-JRC
[8] World Energy Balances (IEA), OECD Publishing, https://www.iea.org/topics/world-energy-outlook

**Tabella A: Fatturi ta' Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku: $tCO_2$/MWh**

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Awstrija** | 0.28 | 0.28 | 0.22 | 0.21 | 0.23 | 0.25 | 0.26 | 0.26 | 0.23 | 0.22 | 0.20 | 0.22 | 0.22 | 0.26 | 0.25 | 0.26 | 0.23 | 0.22 | 0.21 | 0.19 | 0.27 | 0.23 | 0.19 | 0.17 | 0.15 | 0.17 |
| **Il-Belġju** | 0.43 | 0.42 | 0.41 | 0.41 | 0.42 | 0.41 | 0.38 | 0.35 | 0.36 | 0.33 | 0.33 | 0.30 | 0.30 | 0.30 | 0.29 | 0.30 | 0.27 | 0.27 | 0.26 | 0.25 | 0.28 | 0.22 | 0.21 | 0.19 | 0.18 | 0.19 |
| **Il-Bulgarija** | 0.96 | 0.87 | 0.98 | 1.01 | 0.91 | 0.86 | 0.80 | 0.88 | 0.90 | 0.83 | 0.82 | 0.94 | 0.85 | 0.91 | 0.91 | 0.88 | 0.85 | 0.96 | 0.90 | 0.87 | 1.08 | 1.06 | 0.91 | 0.79 | 0.84 | 0.85 |
| **Il-Kroazja** | 0.25 | 0.18 | 0.33 | 0.36 | 0.20 | 0.24 | 0.26 | 0.27 | 0.34 | 0.33 | 0.29 | 0.34 | 0.37 | 0.41 | 0.31 | 0.29 | 0.28 | 0.34 | 0.28 | 0.24 | 0.25 | 0.23 | 0.21 | 0.20 | 0.17 | 0.17 |
| **Ċipru** | 0.93 | 0.93 | 0.96 | 0.94 | 0.94 | 0.93 | 0.95 | 0.97 | 0.97 | 0.98 | 0.95 | 0.90 | 0.85 | 0.94 | 0.87 | 0.88 | 0.85 | 0.85 | 0.84 | 0.83 | 0.78 | 0.77 | 0.79 | 0.71 | 0.72 | 0.72 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 0.98 | 1.02 | 1.00 | 1.05 | 1.02 | 1.02 | 0.99 | 0.99 | 1.00 | 0.96 | 1.08 | 1.05 | 1.02 | 0.99 | 0.98 | 0.92 | 0.90 | 0.99 | 0.91 | 0.89 | 1.13 | 0.92 | 0.86 | 0.81 | 0.81 | 0.79 |
| **Id-Danimarka** | 0.62 | 0.88 | 0.69 | 0.72 | 0.84 | 0.71 | 1.05 | 0.78 | 0.67 | 0.58 | 0.50 | 0.51 | 0.53 | 0.69 | 0.50 | 0.40 | 0.63 | 0.51 | 0.45 | 0.47 | 0.66 | 0.35 | 0.26 | 0.34 | 0.27 | 0.16 |
| **L-Estonja** | 2.44 | 2.09 | 2.09 | 1.88 | 2.03 | 2.09 | 2.03 | 1.90 | 1.90 | 1.95 | 1.84 | 1.76 | 1.66 | 1.88 | 1.83 | 1.81 | 1.48 | 1.92 | 1.67 | 1.45 | 2.04 | 1.88 | 1.59 | 1.98 | 1.95 | 1.56 |
| **Il-Finlandja** | 0.18 | 0.19 | 0.15 | 0.19 | 0.25 | 0.22 | 0.30 | 0.25 | 0.19 | 0.18 | 0.16 | 0.21 | 0.23 | 0.32 | 0.27 | 0.15 | 0.26 | 0.23 | 0.17 | 0.18 | 0.34 | 0.18 | 0.12 | 0.15 | 0.13 | 0.09 |
| **Franza** | 0.15 | 0.17 | 0.13 | 0.10 | 0.09 | 0.11 | 0.11 | 0.10 | 0.14 | 0.12 | 0.11 | 0.09 | 0.09 | 0.10 | 0.09 | 0.11 | 0.10 | 0.10 | 0.09 | 0.10 | 0.12 | 0.09 | 0.09 | 0.08 | 0.06 | 0.06 |
| **Il-Ġermanja** | 0.75 | 0.75 | 0.73 | 0.73 | 0.73 | 0.71 | 0.72 | 0.68 | 0.68 | 0.64 | 0.64 | 0.66 | 0.64 | 0.61 | 0.60 | 0.59 | 0.60 | 0.62 | 0.59 | 0.57 | 0.61 | 0.56 | 0.57 | 0.59 | 0.57 | 0.56 |
| **Il-Greċja** | 1.23 | 1.16 | 1.20 | 1.18 | 1.16 | 1.17 | 1.02 | 0.97 | 0.96 | 0.97 | 1.03 | 1.01 | 0.96 | 0.95 | 0.94 | 0.92 | 0.85 | 0.87 | 0.84 | 0.82 | 0.79 | 0.82 | 0.81 | 0.76 | 0.68 | 0.60 |
| **L-Ungerija** | 0.45 | 0.52 | 0.60 | 0.64 | 0.64 | 0.64 | 0.62 | 0.64 | 0.66 | 0.64 | 0.56 | 0.55 | 0.52 | 0.55 | 0.48 | 0.41 | 0.40 | 0.44 | 0.41 | 0.34 | 0.42 | 0.33 | 0.31 | 0.25 | 0.23 | 0.23 |
| **L-Irlanda** | 0.90 | 0.90 | 0.91 | 0.88 | 0.88 | 0.87 | 0.85 | 0.84 | 0.84 | 0.81 | 0.76 | 0.79 | 0.73 | 0.65 | 0.64 | 0.62 | 0.57 | 0.55 | 0.53 | 0.50 | 0.52 | 0.47 | 0.52 | 0.46 | 0.46 | 0.47 |
| **L-Italja** | 0.57 | 0.55 | 0.54 | 0.52 | 0.51 | 0.55 | 0.52 | 0.51 | 0.51 | 0.49 | 0.50 | 0.48 | 0.50 | 0.51 | 0.50 | 0.48 | 0.48 | 0.48 | 0.46 | 0.41 | 0.45 | 0.40 | 0.39 | 0.34 | 0.33 | 0.33 |
| **Il-Latvja** | 0.09 | 0.10 | 0.08 | 0.11 | 0.13 | 0.12 | 0.14 | 0.13 | 0.12 | 0.12 | 0.12 | 0.11 | 0.10 | 0.10 | 0.08 | 0.07 | 0.09 | 0.07 | 0.09 | 0.09 | 0.29 | 0.13 | 0.08 | 0.12 | 0.10 | 0.12 |
| **Il-Litwanja** | 0.38 | 0.41 | 0.20 | 0.16 | 0.17 | 0.14 | 0.23 | 0.14 | 0.28 | 0.24 | 0.18 | 0.19 | 0.17 | 0.17 | 0.17 | 0.18 | 0.14 | 0.13 | 0.12 | 0.15 | 0.36 | 0.13 | 0.14 | 0.10 | 0.07 | 0.08 |
| **Il-Lussemburgu** | 0.42 | 0.44 | 0.41 | 0.40 | 0.30 | 0.18 | 0.15 | 0.09 | 0.03 | 0.03 | 0.03 | 0.06 | 0.18 | 0.16 | 0.18 | 0.19 | 0.18 | 0.16 | 0.14 | 0.18 | 0.19 | 0.14 | 0.15 | 0.09 | 0.09 | 0.06 |
| **Malta** | 1.95 | 1.33 | 1.23 | 1.66 | 1.49 | 1.25 | 1.22 | 1.17 | 1.16 | 1.12 | 1.01 | 1.26 | 1.17 | 1.18 | 1.14 | 1.28 | 1.18 | 1.27 | 1.07 | 1.09 | 1.02 | 1.02 | 1.04 | 0.84 | 0.80 | 0.40 |
| **In-Netherlands** | 0.55 | 0.54 | 0.54 | 0.55 | 0.55 | 0.57 | 0.54 | 0.53 | 0.52 | 0.47 | 0.47 | 0.50 | 0.49 | 0.49 | 0.49 | 0.46 | 0.43 | 0.46 | 0.45 | 0.46 | 0.55 | 0.43 | 0.44 | 0.43 | 0.48 | 0.52 |
| **Il-Polonja** | 1.41 | 1.48 | 1.50 | 1.47 | 1.50 | 1.41 | 1.36 | 1.33 | 1.30 | 1.30 | 1.29 | 1.28 | 1.27 | 1.29 | 1.24 | 1.23 | 1.22 | 1.16 | 1.10 | 1.09 | 1.23 | 1.07 | 1.02 | 1.02 | 0.95 | 0.93 |
| **Il-Portugall** | 0.63 | 0.64 | 0.73 | 0.66 | 0.62 | 0.67 | 0.50 | 0.51 | 0.55 | 0.66 | 0.56 | 0.53 | 0.58 | 0.46 | 0.47 | 0.53 | 0.44 | 0.38 | 0.37 | 0.40 | 0.30 | 0.33 | 0.36 | 0.31 | 0.31 | 0.39 |
| **Ir-Rumanija** | 1.03 | 1.11 | 1.16 | 1.26 | 1.28 | 1.22 | 1.18 | 0.95 | 0.78 | 0.82 | 0.89 | 0.89 | 0.86 | 0.94 | 0.76 | 0.75 | 0.80 | 0.82 | 0.79 | 0.73 | 0.75 | 0.72 | 0.67 | 0.50 | 0.49 | 0.51 |
| **Ir-Repubblika Slovakka** | 0.43 | 0.46 | 0.44 | 0.47 | 0.41 | 0.45 | 0.40 | 0.43 | 0.45 | 0.42 | 0.35 | 0.32 | 0.29 | 0.35 | 0.30 | 0.31 | 0.29 | 0.25 | 0.25 | 0.24 | 0.32 | 0.23 | 0.23 | 0.20 | 0.18 | 0.18 |
| **Is-Slovenja** | 0.59 | 0.51 | 0.60 | 0.61 | 0.52 | 0.54 | 0.49 | 0.51 | 0.54 | 0.45 | 0.45 | 0.49 | 0.48 | 0.44 | 0.43 | 0.42 | 0.42 | 0.43 | 0.43 | 0.47 | 0.51 | 0.44 | 0.42 | 0.40 | 0.31 | 0.31 |
| **Spanja** | 0.52 | 0.52 | 0.58 | 0.50 | 0.49 | 0.54 | 0.43 | 0.48 | 0.45 | 0.53 | 0.52 | 0.45 | 0.52 | 0.46 | 0.47 | 0.48 | 0.45 | 0.47 | 0.40 | 0.36 | 0.29 | 0.35 | 0.38 | 0.30 | 0.31 | 0.35 |
| **L-Iżvezja** | 0.01 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.03 | 0.03 | 0.05 | 0.03 | 0.03 | 0.03 | 0.02 | 0.03 | 0.03 | 0.04 | 0.03 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.07 | 0.02 | 0.01 | 0.02 | 0.01 | 0.01 |
| **Ir-Renju Unit** | 0.80 | 0.77 | 0.76 | 0.67 | 0.64 | 0.61 | 0.59 | 0.55 | 0.55 | 0.52 | 0.55 | 0.57 | 0.55 | 0.59 | 0.58 | 0.57 | 0.60 | 0.59 | 0.56 | 0.52 | 0.52 | 0.51 | 0.55 | 0.51 | 0.46 | 0.39 |
| **UE-28** | 0.55 | 0.55 | 0.53 | 0.50 | 0.50 | 0.50 | 0.50 | 0.48 | 0.47 | 0.46 | 0.46 | 0.45 | 0.46 | 0.46 | 0.44 | 0.44 | 0.44 | 0.45 | 0.42 | 0.40 | 0.43 | 0.39 | 0.39 | 0.37 | 0.36 | 0.35 |

**Tabella B: Fatturi ta’ Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku: t$CO_2$ ek/MWh**

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Awstrija** | 0.28 | 0.28 | 0.22 | 0.21 | 0.23 | 0.25 | 0.26 | 0.26 | 0.23 | 0.22 | 0.20 | 0.22 | 0.22 | 0.26 | 0.25 | 0.26 | 0.23 | 0.22 | 0.21 | 0.19 | 0.27 | 0.23 | 0.19 | 0.18 | 0.15 | 0.17 |
| **Il-Belġju** | 0.43 | 0.42 | 0.41 | 0.41 | 0.43 | 0.41 | 0.38 | 0.35 | 0.36 | 0.33 | 0.33 | 0.30 | 0.30 | 0.30 | 0.29 | 0.30 | 0.27 | 0.27 | 0.26 | 0.25 | 0.28 | 0.22 | 0.22 | 0.19 | 0.18 | 0.19 |
| **Il-Bulgarija** | 0.96 | 0.87 | 0.99 | 1.01 | 0.92 | 0.86 | 0.80 | 0.88 | 0.90 | 0.84 | 0.82 | 0.94 | 0.86 | 0.92 | 0.92 | 0.89 | 0.86 | 0.97 | 0.90 | 0.87 | 1.09 | 1.07 | 0.91 | 0.79 | 0.84 | 0.86 |
| **Il-Kroazja** | 0.25 | 0.18 | 0.33 | 0.36 | 0.20 | 0.24 | 0.26 | 0.28 | 0.34 | 0.33 | 0.29 | 0.34 | 0.38 | 0.41 | 0.31 | 0.29 | 0.28 | 0.34 | 0.28 | 0.24 | 0.25 | 0.23 | 0.21 | 0.21 | 0.18 | 0.17 |
| **Ċipru** | 0.94 | 0.93 | 0.96 | 0.94 | 0.94 | 0.94 | 0.96 | 0.98 | 0.98 | 0.98 | 0.96 | 0.90 | 0.86 | 0.94 | 0.88 | 0.88 | 0.86 | 0.86 | 0.84 | 0.83 | 0.78 | 0.78 | 0.79 | 0.71 | 0.72 | 0.72 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 0.98 | 1.03 | 1.01 | 1.06 | 1.03 | 1.02 | 1.00 | 1.00 | 1.01 | 0.96 | 1.08 | 1.05 | 1.02 | 1.00 | 0.98 | 0.93 | 0.91 | 1.00 | 0.91 | 0.89 | 1.14 | 0.92 | 0.86 | 0.81 | 0.81 | 0.79 |
| **Id-Danimarka** | 0.63 | 0.88 | 0.70 | 0.72 | 0.85 | 0.71 | 1.05 | 0.79 | 0.67 | 0.58 | 0.50 | 0.52 | 0.53 | 0.69 | 0.50 | 0.41 | 0.63 | 0.51 | 0.45 | 0.47 | 0.66 | 0.36 | 0.26 | 0.34 | 0.27 | 0.17 |
| **L-Estonja** | 2.45 | 2.10 | 2.10 | 1.89 | 2.04 | 2.10 | 2.04 | 1.90 | 1.91 | 1.95 | 1.85 | 1.76 | 1.66 | 1.89 | 1.84 | 1.82 | 1.48 | 1.93 | 1.68 | 1.46 | 2.05 | 1.89 | 1.60 | 1.99 | 1.96 | 1.57 |
| **Il-Finlandja** | 0.18 | 0.19 | 0.16 | 0.19 | 0.26 | 0.22 | 0.30 | 0.25 | 0.19 | 0.19 | 0.16 | 0.21 | 0.23 | 0.32 | 0.27 | 0.15 | 0.26 | 0.23 | 0.17 | 0.18 | 0.34 | 0.18 | 0.12 | 0.16 | 0.13 | 0.09 |
| **Franza** | 0.15 | 0.17 | 0.13 | 0.10 | 0.09 | 0.11 | 0.11 | 0.10 | 0.14 | 0.12 | 0.11 | 0.09 | 0.10 | 0.10 | 0.09 | 0.11 | 0.10 | 0.10 | 0.09 | 0.10 | 0.12 | 0.09 | 0.09 | 0.08 | 0.06 | 0.06 |
| **Il-Ġermanja** | 0.75 | 0.76 | 0.74 | 0.73 | 0.73 | 0.71 | 0.72 | 0.69 | 0.68 | 0.64 | 0.64 | 0.66 | 0.65 | 0.62 | 0.60 | 0.60 | 0.60 | 0.62 | 0.59 | 0.57 | 0.61 | 0.56 | 0.58 | 0.59 | 0.57 | 0.56 |
| **Il-Greċja** | 1.23 | 1.17 | 1.20 | 1.19 | 1.17 | 1.17 | 1.03 | 0.98 | 0.96 | 0.97 | 1.04 | 1.01 | 0.97 | 0.95 | 0.94 | 0.93 | 0.85 | 0.87 | 0.84 | 0.82 | 0.79 | 0.82 | 0.81 | 0.76 | 0.68 | 0.60 |
| **L-Ungerija** | 0.45 | 0.52 | 0.60 | 0.65 | 0.64 | 0.64 | 0.62 | 0.65 | 0.66 | 0.65 | 0.57 | 0.56 | 0.52 | 0.55 | 0.48 | 0.41 | 0.40 | 0.44 | 0.41 | 0.34 | 0.43 | 0.33 | 0.31 | 0.25 | 0.23 | 0.23 |
| **L-Irlanda** | 0.90 | 0.91 | 0.91 | 0.89 | 0.88 | 0.88 | 0.86 | 0.84 | 0.84 | 0.81 | 0.76 | 0.80 | 0.74 | 0.66 | 0.64 | 0.62 | 0.57 | 0.56 | 0.53 | 0.50 | 0.52 | 0.47 | 0.52 | 0.47 | 0.46 | 0.47 |
| **L-Italja** | 0.58 | 0.55 | 0.54 | 0.52 | 0.51 | 0.55 | 0.53 | 0.52 | 0.51 | 0.49 | 0.50 | 0.48 | 0.50 | 0.51 | 0.50 | 0.48 | 0.48 | 0.48 | 0.46 | 0.41 | 0.45 | 0.40 | 0.39 | 0.34 | 0.33 | 0.33 |
| **Il-Latvja** | 0.09 | 0.10 | 0.08 | 0.11 | 0.13 | 0.12 | 0.14 | 0.13 | 0.13 | 0.12 | 0.12 | 0.11 | 0.10 | 0.10 | 0.08 | 0.07 | 0.09 | 0.07 | 0.09 | 0.09 | 0.29 | 0.13 | 0.08 | 0.12 | 0.10 | 0.12 |
| **Il-Litwanja** | 0.38 | 0.41 | 0.20 | 0.16 | 0.17 | 0.14 | 0.23 | 0.14 | 0.28 | 0.24 | 0.18 | 0.19 | 0.17 | 0.17 | 0.17 | 0.18 | 0.14 | 0.13 | 0.12 | 0.15 | 0.36 | 0.13 | 0.14 | 0.10 | 0.07 | 0.08 |
| **Il-Lussemburgu** | 0.42 | 0.44 | 0.41 | 0.40 | 0.30 | 0.18 | 0.15 | 0.09 | 0.03 | 0.03 | 0.03 | 0.06 | 0.18 | 0.16 | 0.19 | 0.19 | 0.18 | 0.17 | 0.14 | 0.18 | 0.20 | 0.14 | 0.15 | 0.09 | 0.09 | 0.06 |
| **Malta** | 1.95 | 1.34 | 1.23 | 1.67 | 1.50 | 1.26 | 1.22 | 1.18 | 1.16 | 1.12 | 1.02 | 1.26 | 1.17 | 1.19 | 1.15 | 1.28 | 1.18 | 1.27 | 1.07 | 1.09 | 1.02 | 1.02 | 1.04 | 0.84 | 0.80 | 0.40 |
| **In-Netherlands** | 0.55 | 0.54 | 0.54 | 0.55 | 0.55 | 0.57 | 0.55 | 0.53 | 0.52 | 0.47 | 0.47 | 0.50 | 0.50 | 0.50 | 0.49 | 0.46 | 0.43 | 0.46 | 0.45 | 0.46 | 0.56 | 0.43 | 0.44 | 0.44 | 0.48 | 0.52 |
| **Il-Polonja** | 1.41 | 1.49 | 1.51 | 1.48 | 1.50 | 1.41 | 1.37 | 1.33 | 1.30 | 1.31 | 1.29 | 1.28 | 1.27 | 1.29 | 1.25 | 1.24 | 1.22 | 1.17 | 1.10 | 1.10 | 1.23 | 1.07 | 1.02 | 1.02 | 0.96 | 0.94 |
| **Il-Portugall** | 0.64 | 0.64 | 0.74 | 0.67 | 0.62 | 0.68 | 0.50 | 0.51 | 0.56 | 0.66 | 0.56 | 0.53 | 0.59 | 0.46 | 0.47 | 0.53 | 0.45 | 0.38 | 0.38 | 0.40 | 0.31 | 0.33 | 0.36 | 0.32 | 0.31 | 0.39 |
| **Ir-Rumanija** | 1.03 | 1.11 | 1.16 | 1.27 | 1.28 | 1.23 | 1.18 | 0.96 | 0.78 | 0.83 | 0.90 | 0.89 | 0.87 | 0.94 | 0.77 | 0.75 | 0.80 | 0.82 | 0.80 | 0.73 | 0.76 | 0.73 | 0.67 | 0.50 | 0.49 | 0.52 |
| **Ir-Repubblika Slovakka** | 0.43 | 0.46 | 0.45 | 0.47 | 0.41 | 0.45 | 0.40 | 0.43 | 0.45 | 0.42 | 0.35 | 0.32 | 0.29 | 0.35 | 0.30 | 0.31 | 0.29 | 0.26 | 0.25 | 0.24 | 0.33 | 0.23 | 0.23 | 0.20 | 0.18 | 0.18 |
| **Is-Slovenja** | 0.59 | 0.51 | 0.60 | 0.61 | 0.53 | 0.54 | 0.49 | 0.51 | 0.54 | 0.45 | 0.45 | 0.49 | 0.49 | 0.44 | 0.43 | 0.42 | 0.42 | 0.43 | 0.43 | 0.47 | 0.51 | 0.44 | 0.42 | 0.40 | 0.31 | 0.31 |
| **Spanja** | 0.53 | 0.52 | 0.58 | 0.51 | 0.49 | 0.55 | 0.43 | 0.48 | 0.46 | 0.53 | 0.52 | 0.45 | 0.52 | 0.46 | 0.47 | 0.48 | 0.45 | 0.47 | 0.40 | 0.37 | 0.29 | 0.36 | 0.38 | 0.30 | 0.31 | 0.35 |
| **L-Iżvezja** | 0.01 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.03 | 0.03 | 0.05 | 0.03 | 0.03 | 0.03 | 0.02 | 0.03 | 0.03 | 0.04 | 0.03 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.02 | 0.07 | 0.02 | 0.01 | 0.02 | 0.01 | 0.01 |
| **Ir-Renju Unit** | 0.80 | 0.77 | 0.76 | 0.67 | 0.64 | 0.61 | 0.60 | 0.55 | 0.56 | 0.52 | 0.55 | 0.57 | 0.55 | 0.59 | 0.58 | 0.57 | 0.60 | 0.60 | 0.56 | 0.52 | 0.52 | 0.51 | 0.56 | 0.52 | 0.46 | 0.39 |
| **UE-28** | 0.55 | 0.55 | 0.53 | 0.51 | 0.51 | 0.50 | 0.50 | 0.48 | 0.48 | 0.46 | 0.46 | 0.46 | 0.46 | 0.46 | 0.44 | 0.44 | 0.44 | 0.45 | 0.42 | 0.40 | 0.44 | 0.40 | 0.40 | 0.38 | 0.37 | 0.35 |

**Tabella Ċ: Fatturi ta' Emissjoni Nazzjonali u Ewropej għall-Konsum tal-Elettriku - Approċċ tal-LCA: tCO2eq/MWh**

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-Awstrija** | 0.32 | 0.32 | 0.25 | 0.25 | 0.28 | 0.29 | 0.30 | 0.30 | 0.27 | 0.26 | 0.23 | 0.26 | 0.25 | 0.29 | 0.29 | 0.30 | 0.27 | 0.26 | 0.25 | 0.24 | 0.34 | 0.28 | 0.24 | 0.22 | 0.20 | 0.22 |
| **Il-Belġju** | 0.46 | 0.44 | 0.43 | 0.44 | 0.45 | 0.44 | 0.40 | 0.37 | 0.39 | 0.36 | 0.35 | 0.32 | 0.33 | 0.33 | 0.32 | 0.34 | 0.31 | 0.31 | 0.30 | 0.30 | 0.33 | 0.26 | 0.26 | 0.23 | 0.21 | 0.23 |
| **Il-Bulgarija** | 1.02 | 0.92 | 1.04 | 1.07 | 0.97 | 0.91 | 0.84 | 0.92 | 0.94 | 0.87 | 0.85 | 0.98 | 0.89 | 0.95 | 0.95 | 0.92 | 0.89 | 1.01 | 0.94 | 0.91 | 1.13 | 1.10 | 0.95 | 0.82 | 0.87 | 0.89 |
| **Il-Kroazja** | 0.29 | 0.20 | 0.38 | 0.41 | 0.24 | 0.27 | 0.29 | 0.31 | 0.39 | 0.38 | 0.32 | 0.38 | 0.42 | 0.46 | 0.34 | 0.32 | 0.31 | 0.38 | 0.31 | 0.27 | 0.28 | 0.26 | 0.24 | 0.23 | 0.19 | 0.19 |
| **Ċipru** | 1.07 | 1.06 | 1.10 | 1.08 | 1.07 | 1.07 | 1.10 | 1.12 | 1.12 | 1.13 | 1.09 | 1.03 | 0.98 | 1.07 | 1.00 | 1.01 | 0.98 | 0.98 | 0.97 | 0.95 | 0.89 | 0.89 | 0.91 | 0.82 | 0.83 | 0.83 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 1.01 | 1.06 | 1.04 | 1.09 | 1.06 | 1.06 | 1.03 | 1.04 | 1.04 | 1.00 | 1.12 | 1.09 | 1.06 | 1.03 | 1.02 | 0.96 | 0.94 | 1.04 | 0.95 | 0.94 | 1.20 | 0.98 | 0.92 | 0.88 | 0.88 | 0.86 |
| **Id-Danimarka** | 0.66 | 0.93 | 0.74 | 0.76 | 0.90 | 0.76 | 1.13 | 0.85 | 0.73 | 0.64 | 0.55 | 0.57 | 0.59 | 0.75 | 0.56 | 0.46 | 0.69 | 0.56 | 0.50 | 0.52 | 0.78 | 0.41 | 0.30 | 0.38 | 0.31 | 0.20 |
| **L-Estonja** | 2.47 | 2.12 | 2.12 | 1.90 | 2.05 | 2.11 | 2.05 | 1.91 | 1.92 | 1.96 | 1.86 | 1.77 | 1.67 | 1.90 | 1.85 | 1.82 | 1.49 | 1.93 | 1.69 | 1.47 | 2.11 | 1.92 | 1.64 | 2.02 | 1.99 | 1.60 |
| **Il-Finlandja** | 0.22 | 0.23 | 0.19 | 0.23 | 0.30 | 0.27 | 0.34 | 0.29 | 0.23 | 0.22 | 0.21 | 0.26 | 0.28 | 0.38 | 0.32 | 0.19 | 0.31 | 0.27 | 0.22 | 0.22 | 0.43 | 0.23 | 0.17 | 0.21 | 0.17 | 0.14 |
| **Franza** | 0.16 | 0.18 | 0.14 | 0.10 | 0.10 | 0.11 | 0.12 | 0.11 | 0.15 | 0.13 | 0.12 | 0.09 | 0.10 | 0.11 | 0.10 | 0.12 | 0.11 | 0.12 | 0.11 | 0.11 | 0.14 | 0.10 | 0.10 | 0.09 | 0.07 | 0.07 |
| **Il-Ġermanja** | 0.79 | 0.79 | 0.77 | 0.76 | 0.77 | 0.75 | 0.76 | 0.72 | 0.71 | 0.68 | 0.68 | 0.70 | 0.68 | 0.65 | 0.64 | 0.64 | 0.64 | 0.68 | 0.64 | 0.63 | 0.67 | 0.62 | 0.64 | 0.66 | 0.65 | 0.63 |
| **Il-Greċja** | 1.29 | 1.23 | 1.26 | 1.24 | 1.22 | 1.23 | 1.08 | 1.02 | 1.01 | 1.02 | 1.09 | 1.07 | 1.02 | 1.00 | 0.99 | 0.98 | 0.91 | 0.93 | 0.90 | 0.87 | 0.84 | 0.88 | 0.87 | 0.81 | 0.72 | 0.64 |
| **L-Ungerija** | 0.48 | 0.56 | 0.65 | 0.70 | 0.69 | 0.69 | 0.68 | 0.70 | 0.71 | 0.70 | 0.61 | 0.60 | 0.57 | 0.60 | 0.53 | 0.48 | 0.46 | 0.51 | 0.49 | 0.41 | 0.51 | 0.39 | 0.36 | 0.30 | 0.28 | 0.27 |
| **L-Irlanda** | 0.97 | 0.98 | 0.98 | 0.96 | 0.95 | 0.95 | 0.93 | 0.92 | 0.92 | 0.90 | 0.84 | 0.88 | 0.81 | 0.73 | 0.71 | 0.69 | 0.64 | 0.62 | 0.60 | 0.57 | 0.59 | 0.54 | 0.59 | 0.52 | 0.52 | 0.52 |
| **L-Italja** | 0.65 | 0.63 | 0.61 | 0.59 | 0.59 | 0.63 | 0.60 | 0.59 | 0.59 | 0.57 | 0.57 | 0.55 | 0.58 | 0.59 | 0.58 | 0.56 | 0.56 | 0.56 | 0.54 | 0.49 | 0.54 | 0.48 | 0.47 | 0.42 | 0.41 | 0.42 |
| **Il-Latvja** | 0.11 | 0.12 | 0.10 | 0.12 | 0.15 | 0.13 | 0.16 | 0.15 | 0.14 | 0.14 | 0.14 | 0.13 | 0.12 | 0.12 | 0.10 | 0.09 | 0.11 | 0.09 | 0.11 | 0.11 | 0.36 | 0.16 | 0.12 | 0.18 | 0.16 | 0.20 |
| **Il-Litwanja** | 0.44 | 0.48 | 0.23 | 0.19 | 0.19 | 0.16 | 0.27 | 0.16 | 0.33 | 0.27 | 0.21 | 0.22 | 0.21 | 0.20 | 0.20 | 0.21 | 0.17 | 0.16 | 0.15 | 0.18 | 0.45 | 0.17 | 0.17 | 0.13 | 0.10 | 0.11 |
| **Il-Lussemburgu** | 0.42 | 0.45 | 0.42 | 0.41 | 0.31 | 0.19 | 0.16 | 0.09 | 0.03 | 0.03 | 0.04 | 0.07 | 0.21 | 0.19 | 0.22 | 0.22 | 0.22 | 0.19 | 0.16 | 0.21 | 0.23 | 0.16 | 0.18 | 0.11 | 0.11 | 0.07 |
| **Malta** | 2.16 | 1.48 | 1.37 | 1.85 | 1.67 | 1.43 | 1.40 | 1.35 | 1.33 | 1.28 | 1.16 | 1.45 | 1.34 | 1.36 | 1.31 | 1.47 | 1.35 | 1.46 | 1.23 | 1.25 | 1.17 | 1.17 | 1.19 | 0.97 | 0.92 | 0.46 |
| **In-Netherlands** | 0.60 | 0.60 | 0.60 | 0.61 | 0.61 | 0.62 | 0.60 | 0.58 | 0.57 | 0.52 | 0.52 | 0.55 | 0.55 | 0.55 | 0.55 | 0.52 | 0.49 | 0.51 | 0.51 | 0.54 | 0.65 | 0.50 | 0.50 | 0.49 | 0.54 | 0.58 |
| **Il-Polonja** | 1.47 | 1.54 | 1.57 | 1.54 | 1.56 | 1.47 | 1.42 | 1.39 | 1.35 | 1.36 | 1.34 | 1.34 | 1.33 | 1.35 | 1.30 | 1.30 | 1.28 | 1.22 | 1.16 | 1.17 | 1.32 | 1.15 | 1.10 | 1.10 | 1.03 | 1.01 |
| **Il-Portugall** | 0.71 | 0.71 | 0.82 | 0.74 | 0.68 | 0.75 | 0.55 | 0.56 | 0.62 | 0.73 | 0.62 | 0.59 | 0.65 | 0.51 | 0.53 | 0.59 | 0.50 | 0.43 | 0.43 | 0.45 | 0.36 | 0.39 | 0.42 | 0.37 | 0.37 | 0.46 |
| **Ir-Rumanija** | 1.15 | 1.23 | 1.27 | 1.38 | 1.39 | 1.33 | 1.28 | 1.04 | 0.85 | 0.89 | 0.96 | 0.96 | 0.93 | 1.01 | 0.81 | 0.80 | 0.85 | 0.86 | 0.84 | 0.76 | 0.80 | 0.76 | 0.70 | 0.53 | 0.52 | 0.55 |
| **Ir-Repubblika Slovakka** | 0.46 | 0.49 | 0.47 | 0.51 | 0.45 | 0.48 | 0.43 | 0.46 | 0.48 | 0.45 | 0.38 | 0.34 | 0.31 | 0.37 | 0.32 | 0.33 | 0.31 | 0.27 | 0.27 | 0.27 | 0.37 | 0.27 | 0.28 | 0.24 | 0.22 | 0.23 |
| **Is-Slovenja** | 0.61 | 0.53 | 0.62 | 0.63 | 0.54 | 0.56 | 0.51 | 0.53 | 0.56 | 0.46 | 0.47 | 0.51 | 0.51 | 0.46 | 0.45 | 0.44 | 0.44 | 0.45 | 0.46 | 0.50 | 0.54 | 0.47 | 0.45 | 0.43 | 0.33 | 0.33 |
| **Spanja** | 0.55 | 0.55 | 0.62 | 0.53 | 0.52 | 0.58 | 0.46 | 0.51 | 0.49 | 0.57 | 0.56 | 0.49 | 0.57 | 0.50 | 0.52 | 0.54 | 0.50 | 0.52 | 0.46 | 0.42 | 0.34 | 0.40 | 0.43 | 0.35 | 0.36 | 0.40 |
| **L-Iżvezja** | 0.02 | 0.03 | 0.03 | 0.03 | 0.04 | 0.03 | 0.06 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.03 | 0.04 | 0.04 | 0.06 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.13 | 0.04 | 0.04 | 0.04 | 0.03 | 0.03 |
| **Ir-Renju Unit** | 0.85 | 0.82 | 0.81 | 0.72 | 0.69 | 0.66 | 0.65 | 0.60 | 0.61 | 0.57 | 0.61 | 0.63 | 0.61 | 0.65 | 0.65 | 0.64 | 0.67 | 0.67 | 0.64 | 0.60 | 0.60 | 0.59 | 0.63 | 0.59 | 0.54 | 0.47 |
| **UE-28** | 0.59 | 0.58 | 0.57 | 0.54 | 0.54 | 0.54 | 0.53 | 0.52 | 0.51 | 0.50 | 0.50 | 0.49 | 0.50 | 0.50 | 0.49 | 0.48 | 0.48 | 0.49 | 0.47 | 0.45 | 0.49 | 0.45 | 0.45 | 0.43 | 0.42 | 0.40 |

## Referenzi


*Bertoldi P. (editur), il-Gwida "How to develop a Sustainable Energy and Climate Action Plan (SECAP) – Parti 2 - Baseline Emission Inventory (BEI) and Risk and Vulnerability Assessment (RVA)* (Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAP) – Parti 2 - Inventarju tal-Emissjonijiet fil-Linja Bażi (BEI) u Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabilità (RVA) , EUR 29412 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburug, 2018, ISBN 978-92-79-96929-4, doi:10.2760/118857, JRC112986

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Glossarju. Disponibbli fuq www.eea.europa.eu/help/glossary#c4=10&c0=all&b_start=0

Global Covenant of Mayors for Climate and Energy, 2018: Common reporting framework and guidance note (Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, 2018: Qafas ta' rapportar komuni u nota ta' gwida). Disponibbli fuq www.globalcovenantofmayors.org/our-initiatives/data4cities/common-global-reporting-framework/

IPCC, 2014: Anness II: Glossarju [Mach, K.J., S. Planton u C. von Stechow (edituri)]. Fi: Climate Change 2014: Synthesis Report. Contribution of Working Groups I, II and III to the Fifth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change (It-Tibdil fil-Klima 2014: Rapport Ta' Sinteżi. Kontribuzzjoni tal-Gruppi ta' Ħidma I, II u III għall-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima) [Tim Ewlieni tal-Kitba, R.K. Pachauri u L.A. Meyer (edituri)]. IPCC, Geneva, L-Iżvizzera, pp. 117-130. Disponibbli fuq www.ipcc.ch/site/assets/uploads/2019/01/SYRAR5-Glossary_en.pdf

IPCC, 2014: Climate Change 2014: Synthesis Report. Contribution of Working Groups I, II and III to the Fifth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change (It-Tibdil fil-Klima 2014: Rapport Ta' Sinteżi. Kontribuzzjoni tal-Gruppi ta' Ħidma I, II u III għall-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima) [Tim Ewlieni tal-Kitba, R.K. Pachauri u L.A. Meyer (edituri)]. IPCC, Geneva, L-Iżvizzera, pp. 117151. Disponibbli fuq www.ipcc.ch/report/ar5/syr/

JRC, 2018: Il-Gwida "How to develop a Sustainable Energy and Climate Action Plan (SECAP)" (Kif tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAP), partijiet 1, 2, 3. Disponibbli fuq publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC112986

Koffi B, Cerutti A.K., Duerr M., Iancu A., Kona A., Janssens-Maenhout G., *Covenant of Mayors for Climate and Energy: Default emission factors for local emission inventories– Version 2017* (Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija: Fatturi ta' emissjoni prestabbiliti għall-inventarji tal-emissjonijiet lokali - Verżjoni tal-2017), EUR 28718 EN, Uffiċċji tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2017, ISBN 978-92-79-71479-5; doi:10.2760/290197, JRC107518

UNDRR, DesInventar tal-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri, *Data* dwar it-Telf minn Diżastri (DATA, Disaster Loss Data). Disponibbli fuq www.desinventar.net/definitions.html

Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO), 2016: Resolution 9 (Cg-17), Identifiers for cataloguing extreme weather, water and climate events (Riżoluzzjoni 9 (Cg-17), Identifikaturi għall-ikkatalogar ta' avvenimenti ta' temp estrem, tal-ilma u klimatiċi). Disponibbli fuq ane4bf-datap1.s3-eu-west-1.amazonaws.com/wmocms/s3fs-public/event/related_docs/2016-06-20-P-TC-1752-P-RA-1770-CLW-CLPA-RES9_en.pdf?Du0Knsy.FrxbqT_XPGtqZFwT488mL7rL

*Parti minn:*

Ippubblikat mill-Patt tas-Sindki - Uffiċċju tal-Ewropa f'Marzu 2020

© **Unjoni Ewropea, 2020**
Il-Patt tas-Sindki - Uffiċċju tal-Ewropa huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea.
Din il-pubblikazzjoni ma tpoġġi l-ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip fuq il-Kummissjoni Ewropea.